**QORTI KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Att. T'Akkuża Nru. 17/2021**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**YORGEN FENECH**

**Illum, 9 ta' Diċembru 2022**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 17 tas-sena 2021 kontra l-akkużat Yorgen Fenech li bih huwa ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta:

> **Fl-Ewwel Kap talli nhar is-16 ta' Ottubru tas-sena 2017 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer rrenda ruħu kompliċi ma' terzi fid-delitt ta' omiċidju volontarju, u ċioe' li dolożament bil-ħsieb li joqtlu persuna (Daphne Caruana Galizia) jew li jqiegħdu l-ħajja tagħha f'perikolu ċar, ikkaġunawlha il-mewt. Dan billi ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel dan id-delitt jew ġiegħel li dan id-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorita' jew setgħa, inkella ta istruzzjonijiet biex isir dan id-delitt, jew xewwex lil ħaddieħor inkella saħħaħ il-volonta' ta' ħaddieħor sabiex jagħmel dan id-delitt, jew wegħdu li wara l-fatt jassistih, jieqaf miegħu, jew jikkompensah, liema delitt ta' omiċidju volontarju sehh nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, Malta, ghall-habta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs).**
>
> **Fit-Tieni Kap talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel, f'Malta assocja**

**ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.**

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Yorgen Fenech, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u Lista tad-Dokumenti ippreżentati fil-15 ta' Settembru 2021.

Rat in-nota ta'l-Avukat Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2021 magħmula fit-termini ta'l-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali, li permezz tagħha ta avviż dwar ammissibilita' tax-xhieda u ta' dokumenti indikati mill-akkużat fil-Lista tax-Xhieda u il-Lista tad-Dokumenti annessi man-Nota ta'l-Eċċezzjonijiet tiegħu.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-Avukat Generali marbuta mal-eċċezzjonijiet preliminari ta'l-akkużat u in-nota responsiva tal-akkużat għall-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet.

Semgħet ix-xhieda limitatament in konnessjoni mal-eċċezzjonijiet ventilati mill-akkużat.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri ppreżentata mill-akkużat tal-31 ta' Ottubru 2022.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni limitatament sabiex tindaga dwar l-eċċezzjonijiet li jridu jiġu deċiżi.

Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkużat iressaq diversi eċċezzjonijiet kollha diretti biex jattakkaw l-atti kumpilatorji, ix-xiehda u dokumenti hemmhekk kontenuti, kif ukoll li jattakkaw l-Att ta'l-Akkuża ppreżentata mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-

Repubblika ta' Malta. Illi l-Qorti ser titratta dawn l-eċċezzjonijiet *seriatim* fl-ordni miġjuba 'il quddiem mill-akkużat fin-nota tiegħu.

**L-Eċċezzjonijiet numru 1 sa 5:**

Illi fl-ewwel ħames eċċezzjonijiet minnu imqanqla, l-akkużat jissolleva n-nullita' tal-Istruttorja kif ukoll ta'l-Att ta'l-Akkuża fuq il-premessa illi huwa ma tħalliex, kemm mill-Qorti Istruttorja kif ukoll minħabba ostakolu magħmul mill-Avukat Ġenerali, jressaq il-provi minnu mitluba u li, fil-fehma tiegħu, kienu kruċjali għal każ biex b'hekk l-atti kumpilatorji mhumiex kompluti. Jilmenta illi minħabba f'dan in-nuqqas il-kawża ma tistax tgħaddi 'il quddiem fuq l-istess Att t' Akkuża. Jikkritika l-aġir tal-Avukat Ġenerali meta dan għoġbu joħroġ l-Att t' Akkuża konsapevoli mill-fatt illi kien hemm seduta skedata sabiex isiru l-kontro-eżamijiet ta' xi xhieda mid-difiża. Jillanja wkoll illi huwa ma tħalliex mill-Qorti Istruttorja jagħmel il-kontro-eżamijiet tax-xiehda ta' Keith Schembri, Shianne Zammit u Kenneth Camilleri, kif ukoll ma kienx lilu permess illi fl-istadju tal-Istruttorja jressaq xi provi, li jindika bħala is-segwenti:

i. Il-*prime note* fl-intier tagħhom tal-Ispettur Kurt Zahra
ii. Ix-xiehda tal-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' sabiex jixhed dwar u jeżebixxi l-interċettazzjonijiet żvelati lil pulizija waqt l-investigazzjonijiet, ir-reġistrazzjoni ta' konversazzjoni li allegatament seħħet bejn l-avukat Arthur Azzopardi u Melvin Theuma ġewwa Sa Maison f'Awwissu tas-sena 2018, l-interċettazzjonijiet telefoniċi żvelati lil pulizija bejn Edwin Brincat u Melvin Theuma, u finalment fir-rigward ta' interċettazzjoni telefonika li saret nhar il-14 ta' Ġunju 2020 bejn l-ex-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar u Edwin Brincat, magħruf bħala l-Ġojja.

Illi l-akkużat ma jindikax fin-nota ta'l-eċċezzjonijiet tiegħu fuq liema dispożizzjoni tal-liġi huwa qed isejjes dan l-ilment ta' nullita', li huwa komuni għall-ewwel ħames eċċezzjonijiet. Illi dwar dawk iċ-ċirkostanzi li jġibu n-

nullita' tal-att ta'l-akkuża minħabba difetti fl-atti kumpilatorji u li jistgħu jwasslu sabiex il-każ ma jistax jimxi 'il quddiem, jitkellem l-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali li jġib fix-xejn l-att ta'l-akkuża kull meta d-difetti fl-atti kumpilatorji jkunu jikkonsistu fin-nuqqas ta' qari tal-akkużi mill-Prosekutur, jew in-nuqqas li jsir l-eżami mingħajr ġurament tal-akkużat, in-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Qorti Istruttorja li tiddikjara illi l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, u meta l-Qorti Istruttorja tirrifjuta mingħajr raġuni valida illi tisma' il-provi miġjuba mill-imputat:

> **"L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tar-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara lil-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella <u>fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat</u>; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova."**

Illi jibda biex jingħad illi minn qari akkurat ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi in-nullita' lamentata mill-akkużat fl-ewwel eċċezzjoni minnu mqanqla ma ssib ebda konfort fil-liġi. Illi għalkemm huwa minnu illi fl-aħħar seduta skedata quddiem il-Qorti Istruttorja kien hemm l-intendiment, kif jikkontendi l-akkużat, illi fis-seduta li jmiss isiru l-kontro-eżamijiet ta' xi xhieda li kienu diġa iddeponew, madanakollu dan il-fatt, jew aħjar din it-talba minn naħa tad-difiża ma kienet tikkostitwixxi ebda impediment fil-liġi għall-Avukat Ġenerali illi jiddeċiedi li ma jibghatx l-atti lura quddiem il-Qorti Istruttorja wara li dawn kienu lilu rinvijati u minflok jiddeċiedi li joħroġ l-att t' akkuża.

Illi l-poteri ta'l-Avukat Ġenerali huma imfassla fit-Titolu III ta'l-Ewwel Parti tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali fejn fost affarijiet oħra il-Liġi tiddisponi dwar is-setgħat tiegħu meta tingħalaq il-kumpilazzjoni, setgħat li huma simili għal dawk ta' awtorita' ġudizzjarja aktar milli ta' Prosekutur. Illi dawn is-setgħat ġew imfissra fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-

ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Lebrun*,[1] li xprunat l-emendi għall-artikolu 433(3) tal-Kodiċi Kriminali kif nafuh illum, iżda li fissret dawn is-setgħat b'mod dettaljat meta ġie hekk deċiż:

> **12. Fis-sistema legali taghna, meta persuna tigi akkuzata mill-Pulizija Ezekuttiva b'reat li jeccedi l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-Qorti tal-Magistrati tipprocedi ghall-kumpilazzjoni ossia istruttorja. Fil-fatt il-Qorti tal-Magistrati ghandha zewg attribuzzjonijiet, wahda ta' qorti ta' gudikatura kriminali u ohra ta' qorti istruttorja. L-istruttorja hija forma ta' investigazzjoni gudizzjarja li ghandha zewg skopijiet principali: (a) li jingabru u jigu preservati l-provi li eventwalment jingiebu quddiem il-Qorti u (b) li jigi deciz jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. ...**
>
> **15. Issa, jekk il-Qorti Istruttorja tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza – decizjoni li, kif rajna, ma hijiex "decisive for the determination of the criminal charge" – l-Avukat Generali, li lilu l-legislatur afda bir-responsabbilta` tal-prosegwiment tal-prosekuzzjoni fil-kaz li jkun, jista' jaghmel wahda minn erba' affarijiet. Huwa jista' ma jaqbilx mal-Qorti Istruttorja – wara li jezamina l-atti, u possibilment anke fid-dawl ta' provi ohra li huwa jkun gabar skond l-Artikolu 435(1) tal-Kap. 9, huwa jista' jkun tal-fehma li ma hemmx effettivament ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. F'dan il-kaz huwa l-istess Avukat Generali li jordna l-liberazzjoni ("discharge") ta' l-imputat, jaghmel dikjarazzjoni f'dan is-sens fil-Qorti Kriminali (Art. 433(1)) u jibghat rapport lill-President ta' Malta bir-ragunijiet ghala jkun mexa hekk (Art. 433(4)). Jista' wkoll – din hi t-tieni linja li l-Avukat Generali jista' jiehu – jidhirlu li ghandu bzonn li l-Qorti Istruttorja tigborlu aktar provi, u ghalhekk jipprocedi skond l-Artikolu 405(1). Jekk l-Avukat Generali jkun tal-fehma li l-attijiet ta' l-istruttorja jkunu difettuzi, huwa jista', skond l-Artikolu 432(2) tal-Kodici Kriminali, jibghat l-attijiet lura lill-Qorti Istruttorja biex din jew tibda mill-gdid il-kumpilazzjoni (jekk id-difett ikun wiehed radikali) jew biex l-atti jigu kkoregguti, u l-Qorti Istruttorja ghandha hamest ijiem zmien biex taghlaq il-kumpilazzjoni gdida jew tikkoregi l-atti skond il-kaz. Fl-ahharnett – ir-raba' option – l-Avukat Generali jista', flok jippresenta att ta' akkuza quddiem il-Qorti jirrinvija ghall-gudizzju quddiem il-Qorti tal-Magistrati skond l-Artikoli 370(3) jew 433(5) gja msemmija.**

Illi allura hija prerogattiva ta'l-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi liema triq se jieħu u meta finalment jiddeċiedi li joħroġ l-att t'akkuża. Dan ifisser illi anke jekk

[1] Deċiża 09 ta' Frar 2007 meta wara l-imsemmija sentenza daħħlu fis-seħħ l-emendi għall-artikolu 433 tal-Kodiċi Kriminali permezz ta'l-Att Vi tal-2007.

*gratia argomenti* l-Qorti kellha tagħti raġun lill-akkużat fl-ilment tiegħu illi l-Avukat Ġenerali b'xi mod ostakolah milli jressaq 'il quddiem il-provi tiegħu meta huwa iddeċieda li joħroġ l-Att t'Akkuża, il-liġi madanakollu ma tikkontemplax bħala sanzjoni għal dan l-allegat nuqqas in-nullita ta'l-Istruttorja jew ta'l-istess Att t'Akkuża, kif lanqas ma tikkontempla illi tali nuqqas jista' b'xi mod iservi ta' impediment sabiex il-każ jimxi 'il quddiem. Illi l-akkużat jiċċita is-sentenza mogħtija fil-każ *Lebrun*[2], u jistieden lil Qorti tqies l-insenjament hemmhekk tramandat. Madanakollu f'dik is-sentenza, il-Qorti Kriminali ipprovdiet bħala rimedju r-rinviju tal-atti kumpilatorji lura lil Qorti Istruttorja sabiex issir dik il-prova mitluba mill-akkużat u li huwa ma setax jagħmel meta l-Avukat Ġenerali ħareġ l-Att t'Akkuża, iżda ma għaddietx biex tannulla l-Istruttorja jew addirittura l-Att t'Akkuża nnifisha, kif qed jippretendi l-akkużat fl-eċċezzjoni minnu ntentata.

Illi l-akkużat ma jistax iqanqal in-nullita' ta'l-Att t'Akkuża jew tal-Istruttorja minħabba xi difett fil-kumpilazzjoni mhux ikkontemplat fil-liġi. Kif lanqas ma jista' l-akkużat iqajjem ebda nullita' fl-Att t'Akkuża, kif jagħmel fit-tieni sal-ħames eċċezzjonijiet preliminari, unikament għaliex ma kenux mismugħa xi xhieda minnu mitluba, ħlief jerġa' jingħad, fiċ-ċirkostanzi maħsuba fil-liġi. Issa l-parti operattiva ta'l-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali, hawn fuq iċċitat, li jista' isib applikazzjoni għal lment imqanqal mill-appellant fit-tieni sal-ħames eċċezzjoni minnu ventilati, titkellem fuq ir-rifjut minn naħa tal-Qorti Istruttorja, u dan mingħajr raġuni tajba (*without a just cause*, fit-test Ingliz), li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat. Illi sabiex dan in-nuqqas kumpilatorju javvera ruħu jridu neċessarjament jikkonkorru s-segwenti fatti kumpilatorji, u ċioe' l-ewwel u qabel kollox l-imputat irid jitlob lil Qorti Istruttorja sabiex iressaq il-provi tiegħu. Wara li ssir din it-talba jrid ikun hemm iċ-ċaħda ta'l-istess talba mill-Qorti Istruttorja, liema ċaħda iżda trid neċessarjament issir <u>mingħajr ebda raġuni valida,</u> bl-implikazzjoni għalhekk illi dik iċ-ċahda trid tkun waħda frivola jew mingħajr ebda mottiv u li għalhekk tista' twassal sabiex tkun vjolattiva tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ

[2] Qorti Kriminali – Ir-Repubblika vs Emmanuel sive Leli Lebrun - 20/09/2000

xieraq. L-imsemmija disposizzjoni tal-liġi fil-fatt ma teradikx mill-jedd tal-partijiet u ċioe', kemm ta'l-Avukat Ġenerali, kif ukoll tal-akkużat li jopponu ruħhom għal produzzjoni ta' xi prova li ma tkunx magħmula skont il-liġi.

Issa minn eżami tal-atti kumpilatorji jirriżulta illi huwa minnu li l-akkużat ressaq diversi talbiet f'iktar minn okkażżjoni waħda sabiex jinstemgħu numru ta' xhieda u/jew li jsiru l-kontro-eżmijiet ta' xi xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni. Dak li ma jirriżultax, madanakollu, huwa illi dawn it-talbiet ġew miċħuda mingħajr ebda raġuni valida. Fir-rigward tal-kontro-eżami tax-xhud Keith Schembri, il-Qorti Istruttorja ma ċaħħditx lill-akkużat, allura imputat, milli jagħmel il-kontro-eżami. Dan għaliex id-deposizzjoni tax-xhud in eżami kienet sospiża mill-Prosekuzzjoni billi kienu għadhom għaddejjin l-investigazzjonijiet mill-pulizija dwar il-fatti li riedu jiġu stabbiliti bix-xhieda tiegħu, u li fi kwalunkwe każ, f'dak l-istadju, ix-xhud kellu d-dritt li ma jweġibx biex ma jinkriminax ruħu. Dan ifisser illi dak allegat mill-akkużat ma jsibx konfort fl-atti u allura kien hemm dik ir-raġuni valida li trid il-liġi li wasslet lil Qorti Istruttorja tissospendi l-eżami tax-xhud u tidderiġi lid-difiża tagħmel il-kontro-eżami wara li tkun intemmet id-deposizzjoni tax-xhud in eżami, kif del resto stabbilt fil-liġi[3]. Kif lanqas ma ċaħħdet il-Qorti Istruttorja lill-akkużat milli jagħmel il-kontro-eżami tax-xiehda ta' Shianne Zammit u Kenneth Camilleri, liema kontro-eżamijiet fil-fatt jirriżulta illi saru, iżda l-imsemmija xhieda eżerċitaw il-jedd tagħhom għas-silenzju, u allura li ma jweġbux għad-domandi in kontro-eżami, sabiex ma jinkriminawx rwieħhom, fil-każ tal-ewwel xhud billi kien hemm istitwiti fil-konfront tagħha proċeduri penali, u fil-każ tat-tieni xhud billi dan kien għadu qed jiġi investigat mill-pulizija.

Illi l-akkużat jikkontendi wkoll illi huwa ma tħalliex mill-Qorti Istruttorja li jressaq is-segwenti provi, u ċioe' il-*prime note* fl-intier tagħhom tal-Ispettur Kurt Zahra kif ukoll ix-xiehda tal-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta', dan ta'l-aħħar sabiex jixhed dwar, u jeżebixxi l-interċettazzjonijiet żvelati lil pulizija waqt l-

investigazzjonijiet, u ċioe' r-reġistrazzjoni ta' konversazzjoni li allegatament seħħet bejn l-avukat Arthur Azzopardi u Melvin Theuma ġewwa Sa Maison f'Awwissu tas-sena 2018, l-interċettazzjonijiet telefoniċi żvelati lil pulizija bejn Edwin Brincat u Melvin Theuma, u finalment fir-rigward ta' interċettazzjoni telefonika li saret nhar il-14 ta' Ġunju 2020 bejn l-ex-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar u Edwin Brincat, magħruf bħala l-Ġojja. Illi t-talba imressqa mill-akkużat għal din l-evidenza marbuta ma' interċettazzjonijiet telefoniċi magħmula mis-Servizzi tas-Sigurta', kienet saret permezz ta' rikors quddiem din il-Qorti fl-istadju ta' rinviju, u fit-termini tal-artikolu 405(5) tal-Kodiċi Kriminali, datat id-09 ta' Diċembru 2020, fejn huwa talab fost affarijiet oħra li jerġa' jiddeponi l-Uffiċjal Prosekutur u Investigatur sabiex jeżebixxi dawn l-interċettazzjonijiet. Illi b'nota ppreżentata fis-16 ta' Diċembru 2020 l-Avukat Ġenerali iddikjara illi dawn ir-reġistrazzjonijiet ta' interċettazzjonijiet telefoniċi qatt ma kienu fil-pussess tal-pulizija. Illi imbagħad fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2020, li kienet saret wara ir-rinviju ndikat, u wara li xehed is-Supretendent Keith Arnaud, l-akkużat allura talab li jiġi prodott bħala xhud il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' sabiex jeżebixxi dawn l-interettazzjonijiet telefoniċi. Illi l-Prosekuzzjoni oġġezzjonat għal din it-talba fid-dawl tal-fatt illi x-xhud ma kienx wieħed minn dawk indikati mid-difiża fir-rinviju minnu mitlub. Illi b'digriet tal-24 ta' Diċembru 2020, l-Qorti Istruttorja qieset illi t-talba magħmula mill-akkużat fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2020 ma setatx tiġi kkunsidrata billi ma kenitx saret fit-termini tar-rinviju mitlub minnu permezz tar-rikors tad-09 ta' Diċembru 2020. Dan għaliex ix-xhud Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' ma kienx minnu hemmhekk indikat u li t-talba ġenerika kontenuta f'dan ir-rikors illi l-Qorti "tisma' kull prova oħra li l-imputat jidhirlu li għandu iressaq" ma tagħtix *carte blanche* lill-akkużat li jressaq provi bla limitu. Illi inoltre l-Qorti Istruttorja immotivat fid-dettal ir-raġunijiet kollha li wassluha sabiex tiċħad it-talba tal-akkużat. Illi minn eżami ta' dan id-digriet tal-24 ta' Diċembru 2020[4] ma jidhirx illi r-raġunijiet miġjuba mill-Qorti Istruttorja għaċ-ċaħda tat-talba tal-akkużat ma kenux validi u msaħħa

---

[3] Artikolu 393 tal-Kodiċi Kriminali - L-imputat jista' jagħmel kontro-eżami lix-xhud u l-mistoqsijiet tiegħu, flimkien mat-tweġib, għandhom jitniżżlu **wara l-eżami**.

[4] Ara digriet atti kumpilatorji Volume 13 pagna 4933 et seq.

bil-liġi. Illi inoltre kif jirriżulta kemm mill-imsemmi digriet kif ukoll mill-verbal tas-seduta tat-28 ta' Diċembru 2020, billi ma kienx magħruf għall-imputat jekk il-prova li ried jagħmel b'dawn l-interċettazzjonijiet setatx kienet rilevanti għal każ tiegħu, ordnat lil Prosekuzzjoni sabiex tagħti *disclosure* lid-difiża f'każ illi l-kontenut ta' dawn it-telefonati seta' kien rilevanti jew materjali għall-każ.

Illi minn dawn ir-riżultanzi proċesswali allura ma jidhirx illi avverat ruħha xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali hawn fuq iċċitat. Illi fuq kollox mhuwiex minnu dak lamentat mill-akkużat illi l-Qorti Istruttorja kienet qed tirrifjuta tippermettielu iressaq xi provi u/jew jagħmel xi kontro-eżamijiet, tali li jista' iwassal ghan-nullita' ta'l-Att ta'l-Akkuza. Altrocche', l-Qorti Istruttorja ħalliet lill-akkużat, allura imputat, iressaq għadd ġmielu ta' provi u li jagħmel il-kontro-eżamijiet li ħass il-ħtieġa li jsiru f'dak l-istadju. Kif ighid il-Professur Mamo:

> ***"The indictment may also be annulled, not for any defect contained in itself, but for certain defects in the inquiry on the principle that an act done in pursuance of another act which is null, is itself null."***

Illi fuq kollox ebda preġudizzju mhu ser jinħoloq għall-akkużat u dan għaliex il-liġi stess fl-artikolu 440(5) tal-Kodiċi Kriminali tagħti saħansitra s-setgħa lil din il-Qorti sabiex *ex officio* tara li jitressaq xhud jew jiġi ppreżentat dokument li jitqies li huwa materjali għal każ taħt il-lenti tagħha u dan saħansitra meta l-istess xhud jew dokument ma jkunx ġie indikat fil-Lista tax-Xhieda jew inkella fil-Lista tad-Dokumenti. Ukoll xejn ma jżomm lil Qorti li taghmel dak kollu meħtieġ għat-tikxif tal-verita' u dan bis-setgħa lilha mogħtija fl-artikolu 436(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali[5].

Illi l-akkużat jilmenta illi huwa mhuwiex se jingħata smiegħ xieraq jekk dawn il-provi, li huwa jqies bħala essenzjali, jitħalla jagħmilhom fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u dan għal diversi raġunijiet fosthom illi t-trapass taż-żmien jimmina s-saħħa probatorju tagħhom u jintilef id-dritt għal *disclosure* ta'

[5] Imiss ukoll lill-qorti tagħmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-liġi taħt piena ta' nullità, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni tagħha, li hu meħtieġ għat-tikxif tal-verità

prova materjali u determinanti, li finalment huwa l-ispirtu tal-Istruttorja. Jilmenta illi jekk javvera ruħu dan ix-xenarju, u ċioe' li l-prova tinġieb biss waqt il-ġuri, huwa ma hux ser ikollu żmien biżżejjed biex jipprepara id-difiża tiegħu abbażi ta' xi prova ġdida li tista' temerġi w li d-difiża imbagħad tkun fl-impossibilita' li tressaq xi prova jew provi, jekk jidhrilha, sabiex tinnewtralizza dak li jkun emerġa minn din il-prova "ġdida".

Illi jibda biex jingħad illi l-akkużat f'dan l-istadju tal-proċeduri, wara li tkun ħarġet l-Att t'Akkuża mill-Avukat Ġenerali, jista' jressaq eċċezzjonijiet fit-termini ta'l-artikolu 449 tal-Kodiċi Kriminali. Ma jistax l-akkużat jutilizża dan l-istadju sabiex jintenta jressaq il-provi tiegħu. Issa magħluqa il-kumpilazzjoni l-istadju tas-smigħ tal-provi jista' jsir unikament matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, jew inkella jekk jirrikorru ċ-ċirkostanzi ravviżati fl-artikolu 406 tal-Kodiċi Kriminali, dawn jinstemgħu mill-Qorti Kumpilatorja billi l-atti tal-istruttorja ikunu rimessi lura quddiem dik il-qorti unikament għal dan il-għan. Żgur mhux forsi, iżda, li dan ir-rimedju ma jistax jkun mitlub mill-akkużat f'dan l-istadju tal-proċeduri. Kif inhu ċert ukoll illi l-akkużat mhuwiex se jiġi mċaħħad mill-jedd tiegħu salvagwardjat bil-liġi li jagħmel il-kontro-eżamijiet lix-xhieda kollha imressqa mill-Prosekuzzjoni fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Fuq kollox:

> **Dak li ghandhom jiehdu in konsiderazzjoni l-gurati huwa dak li jkun gie depost quddiemhom u mhux dak li jkun intqal f'sede ohra. Dak li l-istess xhieda setghu jkunu qalu f'okkazjonijiet precedenti ghandu l-importanza tieghu biss jekk u meta jintuza biex dak l-istess xhud jigi kkontrollat fix-xhieda tieghu. Fil-guri, infatti, ghalkemm normalment ix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni jkunu ga' xehdu fil-kumpilazzjoni u hafna drabi anke waqt l-inkjesta tal-Magistrat, bil-ligi jridu jixhdu mill-gdid viva voce u huwa dak li jiddeponu fil-guri, inkluz dak li jwiegbu fir-rigward ta' xi domandi li jistghu jsirulhom dwar xhieda precedenti taghhom, li l-gurati ghandhom jikkonsidraw fl-apprezzament taghhom tal-provi. ....**
>
> **L-artikolu 646(4) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi l-processi verbali jistghu jingiebu bhala prova bhal ma jghid l-artikolu 550 ta' l-istess Kodici li jiddisponi illi process verbali, jekk regolarment redatti jikkostitwixxu prova u li ma jkunx mehtieg illi jigu ezaminati mill-gdid ix-xhieda, esperti u persuni ohra li jkunu hadu parti fl-inkjesta.**

> **Dan l-artikolu qatt ma kien intenzjonat u ma jistax jiftiehem li jista' jservi, biex ix-xhieda moghtija fl-inkjesta tissostitwixxi l-htiega suprema, li del resto l-istess Kodici jimponi, li x-xhieda fil-guri ghandha tinghata viva voce. Dak li jista' jfisser, u dak li l-ligi evidentement riedet tikkawtela, huwa li jkun hemm rimedju meta m'ghadx ghadu possibbli li xhud, li jkun xehed fl-inkjesta u possibbilment ma jkunx xehed fil-kumplilazzjoni, jixhed viva voce fil-guri. – Ir-Repubblika ta' Malta vs Edwin Bartolo App. Sup. 19/08/1996**

Illi allura żgur mhux forsi, huma biss dawk il-provi li ser jinstemgħu fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni mill-ġurati meta huma jiġu biex jiddeliberaw dwar il-ħtija o meno tal-akkużat. Illi l-provi misjuba fil-*process verbal* tal-inkjesta jew inkjesti, kif ukoll dawk il-provi ikkumpilati quddiem il-Qorti Istruttorja iservu unikament sabiex l-akkużat ikollu jedd ikun jaf preventivament liema huma dawk il-provi li l-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq fil-ġuri u għalhekk sabiex ikun jista' iħejji id-difiża tiegħu b'mod xieraq. Iservu dawn iż-żewġ stadji ta' ġbir ta' provi għalbiex l-evidenza materjali dwar ir-reat tkun ippreservata u sabiex jitħares milli din l-evidenza għal xi raġuni tintilef (bħal per eżempju fil-każ tal-mewt ta' xi xhud). Finalment hija utli sabiex ikun jista' jiġi eżerċitat forma ta' kontroll fuq ix-xiehda li tinstema' fil-kors tal-ġuri. Dan jista' jiġri meta jkun hemm xi bidla fil-verzjoni tal-fatti mogħtija minn xi xhud, jew meta xhud ikun rikalċitranti. Illi allura l-akkużat ser ikollu kull opportunita' li jressaq il-provi tiegħu matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u wkoll li jagħmel dawk il-kontro-eżamijiet kollha li jħoss li huma meħtieġa sabiex jipprova l-każ tiegħu, bl-Imħallef togat imbagħad jidderiġi lil ġurati dwar il-piż li għandha tingħata x-xiehda ta' xhud li għal xi raguni ta' liġi jew ta' fatt ma jkunx jista' joqgħod għal kontro-eżami minn naħa tad-difiża.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, huwa indubitat illi n-nuqqas lamentat mill-akkużat fl-ewwel ħames eċċezzjonijiet minnu ventilati ma jwasslux għan-nullita' la tal-Istruttorja u lanqas ta'l-Att t'Akkuża. Illi fuq kollox jerġa' jiġi ribadit illi għad irid jkun ċelebrat il-ġuri, f'liema waqt l-akkużat ikollu kull opportunita' li jressaq il-provi tiegħu u jagħmel il-kontro-eżamijiet meħtieġa lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Finalment l-akkużat għandu

ukoll ir-rimedju mfassal fl-artikolu 406 tal-Kodiċi Kriminali fejn jista' jitlob li l-atti kumpilatorji jiġu minn din il-Qorti rimessi quddiem il-Qorti Istruttorja biex issir xi prova determinanti għal każ u dan fiċ-ċirkostanzi ravviżati fl-imsemmija disposizzjoni tal-liġi, bil-Qorti dejjem għandha is-setgħa tagħmel dak kollu mhux projbit bil-liġi għat-tikxif tal-verita'.

Għal dawn il-motivi l-ewwel ħames eċċezzjonijiet qed jiġu miċħuda.

**<u>L-Eċċezzjoni numru 6:</u>**

Illi s-sitt eċċezzjoni hija f'ċertu sens marbuta wkoll mal-ewwel ħames eċċezzjonijiet preliminari meta, għal darb'oħra, l-akkużat jeċċepixxi in-nullita' tal-Att ta'l-Akkuża u tal-atti kumpilatorji għaliex fil-kors tal-kumpilazzjoni ma ngħatax *disclosure* skont il-liġi mill-Pulizija tal-evidenza minnha miġbura waqt l-investigazzjonijiet u dan bi ksur ta' digrieti mogħtija mill-Qorti Istruttorja kif ukoll tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali u bi vjolazzjoni tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq.

Illi l-artikolu 534AF[6] daħal fis-seħħ fil-Kodiċi Kriminali wara li saret it-trasposizzjoni fil-liġi Maltija tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali u dan bis-saħħa tal-Att IV tas-sena 2014. Din tirreferi għad-dritt ta' aċċess tal-persuna akkużata għal dik l-evidenza materjali li għandha f'idejha il-Prosekuzzjoni. Issa għalkemm huwa il-jedd fondamentali tal-akkużat li jsir proċess ġust u li jkollu smigħ xieraq bid-dritt li huwa jiddefendi ruħu għall-akkużi serji lilu addebidati, b'dan għalhekk illi jingħata il-jedd iħejji id-difiża tiegħu fi żmien xieraq, madanakollu jerġa' jiġi ribadit, illi jekk kien hemm tali nuqqas ta' aċċess għal xi evidenza materjali minn naħa

[6] (2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.
(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom.

tal-Prosekuzzjoni jew tal-Pulizija, dan ċertament ma jwassalx għal xi nullita' fl-Att t'Akkuża. Illi l-liġi issemmi dawk l-istanzi li iġibu fix-xejn l-Att t'Akkuża u jirrenduha nulla, kif ingħad. L-allegat nuqqas lamentat mill-akkużat f'din l-eċċezzjoni mhijiex waħda minn dawk ikkontemplati fil-liġi. Il-Qorti, minn naħa l-oħra, ma tistax tagħti il-jedd lill-akkużat li jembarka ruħu fuq xi tip ta' *fishing expedition* sabiex jara jekk hemmx xi prova li setgħat ma ġietx lilu magħrufa minn naħa tal-Prosekuzzjoni, iktar u iktar meta l-Pulizija Eżekuttiva iddikjarat tul il-proċess penali illi l-evidenza materjali li kellha f'idejha hija kollha għad-disposizzjoni tal-akkużat.

Illi l-akkużat fuq ordni tal-Qorti permezz ta' nota ppreżentata fit-23 ta' Novembru 2021 jindika is-segwenti evidenza li jikkontendi hija materjali għal każ tiegħu:

> ***"a. recording li saret fil-mori tal-investigazzjoni odjerna senjatament f Awwissu ta' 2018 gewwa Sa' Maison bejn Melvin Theuma u Arthur Azzopardi;***
> ***b. intercetazzjoni telefonika li saret nhar il-14 ta' Gunju 2020 bejn l-eks Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar u Edwin Brincat il-Gojja;***
> ***c. intercetazzjonijiet telefonici migbura waqt l-investigazzjoni bejn Melvin Theuma u Edwin Brincat il-Gojja, senjatament dawk li gew zvelati lill-Pulizija sabiex jsiru tali procedimenti u li ntuzaw waqt l-interrogazzjoni ta' Edgar Brincat maghruf bhala il-Gojja nhar il-22 ta' Novembru, 2019;***
> ***d. II-prime noti preparati tas-Spettur Kurt Zahra waqt l-investigazzjoni u li ghalihom saret referenza fix-xiehda tieghu fl-intier taghhom;***
>
> ***Barra minn hekk l-esponent jehtieg ikun jaf jekk il-Pulizija Ezekuttiva haditx stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet tas-segwenti persuni b'rabta mal-omicidju u jekk t-twegiba hija fl-affermattiv sabiex jinghata access ghal dan il-materjal:***
> ***a. Johann Cremona wara Dicembru tal-2020;***
> ***b. Kenneth Camilleri wara Dicembru tal-2019;***
> ***c. Melvin Theuma wara Gunju tal-2020;***
> ***d. L-Avukat Arthur Azzopardi;***
> ***e. L-Avukat David Gatt;***
> ***f. L-eks Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar;***
> ***g. Darren Debono maghruf bhala it-Topo;***
> ***h. Albano Kokavecis;***
> ***i. Charmaine Zammit;***
> ***j. David Baldwin;***
> ***k. L-ex Ministru Christian Cardona;***

*l. Ryan Farrugia*

Illi din il-Qorti ordnat li jissejjaħ biex jixhed is-Supretendent Keith Arnaud fir-rigward ta' din l-evidenza li l-akkużat jikkontendi li hija materjali għal każ tiegħu u li tagħha huwa qiegħed jitlob id-*disclosure*. Illi wara li instemgħet din ix-xiehda, b'd-digriet tagħha tat-30 ta' Novembru 2021, (fols 834 et seq. (Vol 2)), kien deċiż illi :

> **"Fir-rigward tal-ezebizzjoni ta' intercettazzjonijiet telefonici, mix-xiehda tas-Supretendent Keith Arnaud moghtija quddiem il-Qorti fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2021, jidher illi l-Kummissarju tal-Pulizija ma ghandux dawn l-intercettazzjonijiet f'idejh billi dawn gew utilizzati mill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet ghaliex il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' ippermettielu li dawn jinstemghu minnu sabiex iqies jekk kellhomx xi utilita' ghall-investigazzjoni. Fi kwalunkwe kaz jekk dawn l-intercettazzjonijiet ma sarux skont il-ligi, kwindi lanqas ma jistghu jkunu producibbli bhala prova fil-Qorti."**

Illi l-Qorti Kostituzzjonali iddeċidiet hekk f'rikors kostituzzjonali u konvenzjonali istitwit mill-akkużat stess b'referenza għal proċess penali pendenti fil-konfront tiegħu:

> **"Għalkemm kif ingħad huwa minnu li fi proċeduri kostituzzjonali hemm ammont ta' flessibilita` f'dak li jirrigwarda t-tmexxija tal-proċedura mill-Qorti, dan ma jfissirx li xi parti tista' tuża dawn il-proċeduri biex tagħmel fishing expedition u totjeni l-produzzjoni ta' provi li mhumiex neċessarjament relevanti għall-proċeduri istitwiti minnha.**
>
> **Inoltre, l-fatt li l-attur naqas milli jispjega x'inhi din l-informazzjoni li huwa jgħid li hija relevanti, il-Qorti tinsab fl-impossibilita` li tiżen l-interess tal-appellant kontra l-interess pubbliku biex tiddetermina jekk dan huwiex każ fejn hija meħtieġa d-disclosure tad-dokumenti rikjesti minnu minkejja dak provdut mil-liġi." – Yorgen Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija et – QK 18/07/2022.**

Dan magħdud huwa evidenti illi għalkemm in-nuqqas min-naħa tal-Prosekuzzjoni li tgħaddi informazzjoni preventivament lill-akkuzat dwar kull evidenza materjali li għandha f'idejha u li se tintuża fil-proċess ġudizzjarju intavolata kontrih jista'jiwassal għal leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq billi imbagħad ma jkunx jista' jiddefendi ruħu sew kontra l-akkużi lilu addebitati, madanakollu dan in-nuqqas, jekk jirriżulta, ma jwassalx għan-

nullita ta'l-Att ta'l-Akkuża, ukoll għaliex huwa biss meta jiġi determinat finalment il-proċess gudizzjarju kollu jista' jkun stabbilit illi tali nuqqas seta' wassal għal leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tal-appellant u mhux qabel. Jerġa' jiġi ribadit illi l-akkużat ser ikollu kull opportunita', bid-drittijiet lil tagħtih il-liġi, li jressaq dawk il-provi kollha li jidhirlu xierqa sabiex jiddefendi l-każ tiegħu, bil-Qorti għandha s-setgħa li tara li kull evidenza materjali għal każ titpoġġa quddiem il-ġurati għad-determinazzjoni tal-ħtija *o meno* tal-akkużat u dan fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja[7]. Għal dawn il-motivi din is-sitt eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

__L-Eċċezzjoni numru 7__:

Illi s-seba' eċċezzjoni mqanqla mill-akkużat taqra hekk:

> **'Il-kawza fl-ismijiet premessi ma tistax tghaddi l-quddiem fuq l-att tal-akkuza ghaliex l-istess att ta' akkuza gie ippubblikat fl-intier tieghu, addirittura fil-format PDF, mill-media lokali u l-piena mitluba mill-Avukat Generali giet ukoll msemmija diversi drabi mill-istess media bil-konsegwenza li dan il -fatt huwa maghruf minn kulhadd b'mod li l-pregudizzju lill-gurati ser ikun inevitabbli.'**

Illi huwa evidenti illi dak li qed jilmenta minnu l-akkużat f'din l-eċċezzjoni huwa dwar il-preġudizzju li jista' isofri minħabba 'l hekk imsejjaħ *pre-trial publicity*. Jilmenta illi bil-fatt illi meta l-Avukat Ġenerali ppreżenta l-Att ta'l-Akkuża din ixxandret fl-intier tagħha fil-*media* lokali, inkluż allura kienet svelata il-piena li l-akkużat jkun qiegħed jiffaċċja jekk jiġi misjub ħati, dan jista' jwassal għal influwenza negattiva fuq ġurija prospettiva bil-konsegwenza illi l-ġudizzju magħmul fil-verdett finali ma jkunx wieħed ħieles minn kull preġudizzju u influwenza barranija. Illi għal dan l-allegat *pre-trial prejudicial publicity* l-akkużat jitlob bħala rimedju n-nullita' tal-proċeduri u ta'l-Att ta'l-Akkuża.

Illi l-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kemm il-darba qieset ilmenti dwar ' l hekk imsejjaħ *pre-trial prejudicial publicity*.

---

[7] Artikolu 436(3) tal-Kodiċi Kriminali - (3) Imiss ukoll lill-qorti ... tagħmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhuxordnat mil-liġi taħt piena ta' nullità, kull ma jidhrilha,fid-diskrezzjoni tagħha, li hu meħtieġ għat-tikxif tal-verità

*"9. Prejudicial publicity*

***271. The Court has held that a virulent press campaign can adversely affect the fairness of a trial by influencing public opinion and, consequently, the jurors called upon to decide the guilt of an accused (Akay v. Turkey (dec.), 2002; Craxi v. Italy (no. 1), 2002, § 98; Beggs v. the United Kingdom (dec.), 2012, § 123). In this way, a virulent press campaign risks having an impact on the impartiality of the court under Article 6 § 1 as well as the presumption of innocence enshrined in Article 6 § 2 (Ninn Hansen v. Denmark (dec.), 1999; Anguelov v. Bulgaria (dec.), 2004).***

***272. At the same time, press coverage of current events is an exercise of freedom of expression, guaranteed by Article 10 of the Convention (Bédat v. Switzerland [GC], 2016, § 51). If there is a virulent press campaign surrounding a trial, what is decisive is not the subjective apprehensions of the suspect concerning the absence of prejudice required of the trial courts, however understandable, but whether, in the particular circumstances of the case, his or her fears can be held to be objectively justified (Włoch v. Poland (dec.), 2000; Daktaras v. Lithuania (dec.), 2000; Priebke v. Italy (dec.), 2001; Butkevičius v. Lithuania (dec.), 2002; G.C.P. v. Romania, 2011, § 46; Mustafa (Abu Hamza) v. the United Kingdom (dec.), 2011, §§ 37-40).***

***273. Some of the factors identified in the case-law as relevant to the Court's assessment of the impact of such a campaign on the fairness of the trial include: the time elapsed between the press campaign and the commencement of the trial, and in particular the determination of the trial court's composition; whether the impugned publications were attributable to, or informed by, the authorities; and whether the publications influenced the judges or the jury and thus prejudiced the outcome of the proceedings (Beggs v. the United Kingdom (dec.), 2012, § 124; Abdulla Ali v. the United Kingdom, 2015, §§ 87-91; Paulikas v. Lithuania, 2017, § 59).***

***274. Moreover, in the context of a trial by jury, the content of any directions given to the jury is also a relevant consideration (Beggs v. the United Kingdom (dec.), 2012, § 124). National courts which are entirely composed of professional judges generally possess, unlike members of a jury, appropriate experience and training enabling them to resist any outside influence (Craxi v. Italy (no. 1), 2002, § 104; Mircea v. Romania, 2007, § 75).[8]"***

Illi esposti dawn il-prinċipji ta' dritt li jħarsu il-jeddijiet fondamentali tal-bniedem u b'mod specjali ta' kull persuna akkużata b'reat kriminali, l-Qorti tqies illi għalkemm l-Att ta'l-Akkuża ma kellux jiġi riprodott kelma b'kelma

[8] "Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights -Right to a fair trial (criminal limb) - Updated on 31 August 2022." Part V - General Guarantees: procedural requirement - Council

f'ebda rappurtaġġ ġurnalistiku ta' avvenimenti kurrenti bħal ma hu dan in diżamina, madanakollu ma jistax jingħad illi b'dan il-fatt inħoloq xi forma ta' preġudizzju li jista' jwassal għal influwenza negattiva u barranija fuq il-ġudizzju li ser jittieħed meta jiġi kompost il-ġuri u waqt iċ-ċelebrazzjoni ta'l-istess, tali li jista' jxekkel il-kors tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jew b'xi mod jista' jimpinġi fuq il-validita' tal-proċeduri quddiem din il-Qorti. Illi jibda' biex jingħad illi hemm trapass taż-żmien minn meta seħħ dan il-fatt lamentat sakemm ikun iċċelebrat il-ġuri u allura sakemm tiġi magħzula l-gurija. Illi mhux biss, iżda l-Imħallef togat dejjem iwissi lil ġurija kontra kull forma ta' preġudizzju li jista' jkollhom u li l-ġudizzju aħħari tagħhom jrid ikun imsejjes fuq il-provi mismugħa fil-kors tal-ġuri u mhux minn xi informazzjoni li setghet tinkiseb minn terzi persuni estranji għal każ fosthom allura mill-midja. Mhux biss iżda l-akkużat għandu dejjem id-dritt għall-appell mill-verdett tal-ġurija u minn dak li jidhirlu jista' jkun ġudizzju żbaljat mhux imsejjes fuq il-provi. Ċertament, madanakollu, illi tali fatt kif lamentat ma jistax iwassal għal xi nullita' f'dawn il-proċeduri kif sottomess mid-difiża. Kif lanqas ma hemm nullita' fl-Att ta'l-Akkuża għaliex din ġiet imxandra fil-midja lokali fejn allura sar magħruf lil pubbliku in ġenerali u allura lil xi ġurija prospettiva mhux biss il-fatti li fuqhom l-Avukat Ġenerali wasal biex jixli lil akkużat bir-reati tal-kompliċita fl-omiċidju volontarju ta' Daphne Carauna Galizia u bir-reat tal-assoċjazzjoni, iżda ukoll il-piena maħsuba għal dawn ir-reati.

Illi kif tajjeb jirrileva l-Avukat Ġenerali fis-sottomissjonijiet tiegħu, ma hemm ebda disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li tistipula, taħt piena ta' nullita', illi fil-qari ta'l-Att ta' Akkuża lil ġurati ma għandiex tigi indikata il-piena stabbilita għar-reat/i imfisser/ra fil-Kap jew Kapi ta'l-Akkuża. Kwindi ġaldarba ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi penali li tistabbilixxi tali nullita', ċertament il-Qorti ma tistax tfassal hi stess, permezz tal-pronunzjament tagħha, xi nullita' li l-liġi ma tikkontemplax. Għal dawn il-motivi din l-eċċezzjoni ukoll qed tiġi miċħuda.

---

of Europe/European Court of Human Rights, 2022.

**<u>L-Eċċezzjoni numru 8:</u>**

Illi fit-tmien eċċezzjoni minnu ventilata l-akkużat iqanqal in-nullita' tat-tieni Kap ta'l-Akkuża u dan għaliex jikkontendi illi l-fatt miġjub fil-parti narrattiva tiegħu ma jikkostitwix, fis-sustanza, r-reat miġjub jew deskritt fl-istess kap ta'l-akkuża.

Illi l-Avukat Ġenerali fit-Tieni Kap jixli lill-akkużat bir-reat tal-assoċjazzjoni kif imfassal fl-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi hekk:

> **(1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, ikun ħati tar-reat ta'assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.**
> **(2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni**

Illi għalkemm l-artikolu 449(5)(b) tal-Kodiċi Kriminali jitkellem fuq dawk iċ-ċirkostanzi fejn in-nullita` ta' l-Att ta' l-Akkuża tista' saħansitra titqanqal mill-Qorti *ex officio*, fl-istess' dispożizzjoni hemm indikazzjoni li waħda minn dawn l-istanzi ta' nullita' tirriżulta meta jkun hemm inkonsistenza bejn il-fatti esposti fil-parti narrattiva u r-reat li imbagħad joħroġ mill-parti akkużatorja ta' l-Att ta' l-Akkuża, fejn allura din in-nullita` hija maħsuba biss fil-każ fejn il-fatti miġjuba ma jkunux jikkostitwixxu **<u>fis-sustanza</u>** r-reat miġjub jew deskritt fl-imsemmi Att.

Issa l-modalita` dwar kif għandu jkun imfassal l-Att ta' l-Akkuża mill-Avukat Ġenerali huwa imfisser mill-legislatur fl-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali bis-sub-inċiż (c) jispeċifika illi għandu jkun imfisser "**il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena**."

---

*https://www.echr.coe.int/documents/guide_art_6_criminal_eng.pdf*

Illi r-reat tal-konġura kriminali kif ikkontemplat fl-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali kien introdott mill-leġislatur permezz ta'l-Att III tal-2002, fejn l-att materjali jikkonsisti mhux daqstant fit-twettiq tar-reat li dwaru kienet imwaqqfa l-assoċjazzjoni, izda fil-ftehim bejn tnejn jew aktar minn nies bil-għan li jiġi kommess delitt, anke jekk dak id-delitt finalment qatt ma jiġi mwettaq għal xi raġuni jew oħra. Il-ftehim fih innifsu allura iwassal għall-konsumazzjoni tar-reat.

Illi il-ħsieb tal-leġislatur wara l-introduzzjoni ta' din id-disposizzjoni il-ġdida tal-liġi kien imfisser hekk:

> **"B'din il-liġi qegħdin ukoll nintroduċu kunċett kompletament ġdid, ir-reat tal-konġura jew ta' l-assoċjazzjoni. ......għall-ewwel darba, <u>il-fatt li wieħed jiftiehem biex jikkommetti reat se jkun meqjus bħala reat.</u> Fil-fatt fil-white paper din il-klawsola kellha t-titlu ta' "konġura", liema titlu issa nbidel għal "assoċjazzjoni". Sal-lum il-liġi ma kenitx tqis il-konġura bħala reat ħlief f'każ ta' delitt kontra l-Istat, bħal fil-każ ta' tradiment ta' l-Istat jew kolp ta' stat. Iktar tard, il-konġura bdiet titqies bħala reat fil-każi ta' traffikar ta' droga. Jiġifieri l-konġura kienet aċċettata bħala reat f'dawn l-eċċezzjonijiet biss, Sur President.**
>
> **Kif inhi l-liġi sal-lum, jekk żewġ persuni jiltaqgħu biex jiftiehmu dwar kif se jwettqu hold-up f'bank, jagħmlu pjan, iqassmu x-xogħol, jiftehmu bl-iktar mod ċar u dettaljat u jinqabdu mill-pulizija f'dak l-istadju - jiġifieri meta ma jkunu għadhom għamlu xejn ħlief li ftehmu - ma jiġux meqjusa bħala li wettqu reat. Jekk fil-pussess tagħhom jinstabu armi illegali, allura jitressqu l-qorti akkużati b'pussess ta' armi illegali pero' ma jitressqux għall-fatt li jkunu nqabdu jiftehmu biex iwettqu reat. Jekk pero' ikun hemm il-bidu ta' l-esekuzzjoni ta' l-att - per eżempju, il-kriminali jkunu f'vettura, waslu ħdejn il-bank, niżlu fuq il-bankina u lestew l-armi biex jidħlu – fejn allura l-intenzjoni ma baqgħetx biss ftehim fuq il-karta imma bdiet tiġi attwata, f'dak il-każ ikunu akkużati b'attentat ta' hold-up fuq bank. Pero' minkejja li l-kriminali jkunu ftehmu fid-dettal dwar ir-reat, il-fatti kollha preċedenti għall-attentat ma jiġux meqjusa bħala reat. Issa hekk kif dan l-abbozz ta' liġi jiġi fis-seħħ, il-konġura se tibda titqies bħala reat kriminali.**
>
> **Meta xi sura ta' azzjoni għat-twettiq ta' reat tkun ippjanata jew miftehma, dik se tibda titqies bħala reat. Dan dejjem jekk il-pulizija jkollha prova ċara li żewġ persuni jkunu ltaqgħu u ftehemu biex iwettqu reat, għax wieħed jista' faċilment jaqbad u jakkuża żewġ**

**persuni bi ftehim dwar twettiq ta' reat meta dan ma jkunx minnu, Sur President**[9]."

Illi r-reat allura jissussisti kull meta ikun sar ftehim *ut sic* dwar xi sura ta' azzjoni, u mhux neċessarjament irid ikun hemm xi pjan imfassal dwar il-mezzi li ser jiġu adoperati sabiex jitwettaq ir-reat, kif donnu qed tifhem id-difiża. Illi mingħajr ma tinoltra ruħha f'konsiderazzjonijiet dwar il-mertu, billi dan l-eżerċizzju għandu jkun mħolli interament f'idejn il-ġurija, jirriżulta minn qari tal-parti narrattiva tat-Tieni Kap ta'l-Akkuża illi mill-atti kumpilatorji l-Avukat Ġenerali silet fatti li fil-fehma tiegħu jwasslu sabiex l-akkużat ikun mixli bir-reat tal-konġura kriminali u dan meta jinghad f'din in-narrattiva illi l-akkużat allegatament ftiehem ma' Melvin Theuma biex jitqabbdu persuni magħrufa għalih fil-qasam tal-kriminalita' biex b'hekk jitwettaq pjan maħsub biex tinqatel Daphne Caruana Galizia. Ftiehem ukoll l-akkużat ma' Theuma, dejjem kif jikkontendi l-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva, illi huwa kien ser jiffinanzja din l-assoċjazzjoni mwaqqfa bil-għan li jitwettaq delitt. Dan il-ftehim iwassal għax-xilja tal-akkużat bil-kummissjoni tal-att materjali tar-reat mfassal fl-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali. Huwa indubitat għalhekk illi l-fatti narrati jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li dwaru l-akkużat jinsab mixli f'dan it-Tieni Kap.

Issa l-kwistjoni dwar jekk il-fatti probatorji li ser ikunu ppreżentati quddiem il-ġurati mill-Prosekuzzjoni iwasslux għar-reat addebitat lill-akkużat hija deċiżjoni li għandha tkun rimessa biss f'idejn il-ġurati u ma hijiex kwistjoni ta' dritt li għandha tkun deċiża mill-Qorti. Illi fuq kollox il-ġurati dejjem jkunu imwissija mill-Imħallef fl-indirizz tiegħu illi l-espożizzjoni tal-fatti mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża ma tikkostitwixxi l-ebda prova fil-ġuri kif lanqas dawn il-fatti hekk esposti ma huma suffiċjenti sabiex il-ġurati jasslu għal xi verdett ta' ħtija.

**"Ghalhekk, meta fl-artikolu 589 tal-istess Kodici jinghad li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat u l-partikolaritajiet l-ohra msemmija fl-istess artikolu dan ma jistax ifisser hlief li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt u partikolaritajiet**

[9] Seduta numru 569 tad-disgħa Legislatura tal-Parlament ta' Malta dibattitu tal-04 ta' Lulju 2001

**l-ohra msemmija skont kif jifhimhom li graw l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Il-provi in sostenn tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat u tal-partikolaritajiet l-ohra skont l-att tal-akkuza, imbaghad, jingiebu mill-Avukat Generali fil-kors tal-process fl-istadju opportun[10].**

Illi l-liġi stess tistabbilixxi illi huwa biżżejjed għall-Avukat Ġenerali li mill-atti kumpilatorji jislet dawk il-fatti li fis-**sustanza** tagħhom iridu jikkostitwixxu r-reat li jemerġi fil-parti akkużatorja u mhux li jirrakonta fid-dettall l-fatti li jirriżultaw mill-provi ikkumpilati li minnhom jemerġi r-reat, billi dan neċessarjament jrid jiġi mħolli finalment għad-deċiżjoni finali tal-ġurati.

**"Il-gurisprudenza f'dan ir-rigward hija ormaj kopjuza u din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod tahli zmien ticcita d-diversi pronunzjamenti taghha in materja. Ikun hemm nullita` jew difett kif ravvizat fl-Artikolu 449(5)(b) meta l-fatti kif deskritti ma jkunux jammontaw fis-sustanza ghar-reat li bih l-akkuzat ikun qed jigi akkuzat. Bil-kelma "reat" wiehed ghandu necessarjament jifhem ir-reat bl-aggravji kollha li jkunu qed jigu dedotti skond il-ligi.[11]"**

Fuq kollox:

**"Fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari l-Qorti Kriminali ma taghmilx apprezzament tal-provi kollha migjuba fil-kors tal-kumpilazzjoni biex tara jekk prova partikolari tirrizultax sodisfacentement jew le; din hija haga merament ta' prova messa ultimament f'idejn min irid jiddeciedi dwar il-provi.[12]"**

Dan ghaliex:

**"l-artikolu 435 (1) tal-Kodici Kriminali dejjem inghata l-interpretazzjoni illi ghall-fini ta' l-istess ikun sufficjenti jekk ir-reat li jkun jifforma s-sostanza ta' l-att ta' l-akkuza jkun jirrizulta imqar mir-rapport guramentat tal-prosekutur quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Il-kumplament, cjoe' dwar jekk ikunx jirrizulta ukoll mill-provi u dokumenti li jkunu ngabru fil-kumpilazzjoni, dejjem gie ritenut li dik hija materja li eventwalment trid tigi riservata ghal min ghandu jiggudika fuq il-fatti, fil-kaz tal-Qorti Kriminali, il-gurati[13].**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tqies illi anke din l-eċċezzjoni ma jistħoqqilhiex akkoljiment u qed tkun miċħuda.

---

[10] Ir-Repubblika ta' Malta vs Stiano Agius et – 09/01/2014 App.Sup.
[11] Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici – App. Sup 22/04/2004
[12] Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat – deciza App.Sup.13/05/1998
[13] Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Zammit et – deciza App.Sup. 31/07/1998

**L-Eccezzjonijiet numri 9 u 10**

Illi dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ser ikunu trattati flimkien billi fihom l-akkużat iqanqal l-inammissibilita' ta' kull mistoqsija diretta magħmula mill-*parte civile* lil kull xhud tal-Prosekuzzjoni u r-risposti għall-imsemmija domandi flimkien ma' kull prova oħra li setgħat ħarġet minn dawn id-domandi u risposti. Iqies l-akkużat illi din il-prova hekk magħmula tmur kontra l-liġi u il-ġurisprudenza in materja u għalhekk għandha tkun imwarrba.

Illi b'referenza għal dawn iż-żewġ eċċezjonijiet il-Qorti stiednet lill-akkużat jindikalha fid-dettal liema hi dik l-evidenza li huwa qed jikkontesta l-ammissibbilita' tagħha. Illi permezz ta' nota ippreżentata fil-15 ta' Diċembru 2021[14], l-akkużat jindika li qed isib oġġezzjoni għal partijiet mix-xiehda tas-Supretendent Keith Arnaud, l-Ispettur Kurt Zahra, Melvin Theuma u Vincent Muscat u dan fejn dawn ix-xhieda wieġbu għal xi mistoqsijiet magħmula lilhom mid-difensur tal-*parte civile*, li fil-fehma tal-akkużat kienu jikkostitwixxu domandi diretti meta l-liġi tipprekludi lil *parte civile* milli tagħmel mistqosijiet diretti lix-xhieda tal-prosekuzzjoni.

Illi jibda biex jingħad, qabel kull konsiderazzjoni oħra, illi l-parti offiża fil-proċess tal-ġuri quddiem din il-Qorti hija prekluża bil-liġi milli tipparteċipa, ħlief sabiex isiru sottomissjonijiet dwar piena, u dan fl-eventwalita' illi jkun hemm verdett ta' ħtija. Illi allura għalkemm l-parti offiża għandha dritt tkun preżenti għal process ġudizzjarju kif ukoll li tkun infurmata f'kull waqt dwar dak li jkun qiegħed iseħħ, madanakollu ma għandha ebda *locus standi* sakemm jintlaħaq il-verdett finali u għalhekk la tista' tressaq xhieda u lanqas tista' tagħmel eżami jew kontro-eżami lix-xhieda kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża. Illi jerġa' jiġi ribadit illi x-xhieda kollha li ddeponew fl-Istruttorja ser jixhdu mill-ġdid quddiem din il-Qorti. Huma biss dawk il-

[14] Volum numru 3 a fol.877 et. seq

mistoqsijiet u tweġibiet li jingħataw quddiem il-ġurija li jiswew sabiex jintlaħaq il-ġudizzju finali. Illi mhux biss, iżda il-Qorti eżaminat l-estratti mill-atti kumpilatorji indikati mill-akkużat fin-nota tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2021 u apparti li ma huwiex mistenni minnHa li toqgħod tfittex minn paġni sħaħ ta' xiehda liema huma dawk il-mistoqsijiet li l-akkużat jidhirlu li huma inammissibbli, tqies illi ebda parti mill-evidenza ndikata ma hija inammissibbli u ċioe' li hemm xi disposizzjoni tal-liġi li tirrendiehom tali.

Għal dawn il-motivi dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet qed ikunu wkoll miċħuda.

**<u>L-Eċċezzjonijiet bin-numri 11, 12 u 13</u>**.

Illi dawn it-tlett eċċezzjonijiet jitrattaw l-inammissibilita' ta' kull stqarrija rilaxxjati mill-akkużat waqt l-investigazzjonijiet u dan wara l-arrest tiegħu. Illi l-akkużat irrilaxxja, tista' tgħid, żewġ tipi ta' stqarrijiet, u ċioe' dawk l-istqarrijiet li ttieħdu għal fini tal-investigazzjoni li kienet għaddejja fejn huwa kien qed ikun investigat dwar l-involviment tiegħu fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, kif ukoll dawk l-istqarrijiet li ttieħdu fuq xewqa tal-akkużat stess, wara l-arrest tiegħu, meta huwa ressaq talba għal maħfra presidenzjali u għalhekk bl-intendiment illi huwa kellu jipprovdi informazzjoni lil pulizija li setgħet twassal għal prosekuzzjoni ta' persuni oħra mhux biss in konnessjoni mal-qtil in diżamina iżda ukoll għal prosekuzzjoni fuq reati oħra.

Illi fl-eċċezzjoni bin-numru 11, l-akkużat jilmenta illi l-istqarrijiet rilaxxati minnu lil pulizija fid-29 u fit-30 ta' Novembru 2019 mhumiex ammissibbli bħala prova billi dawn ittieħdu meta huwa kien taħt l-influwenza tad-droga u għalhekk huwa nieqes l-element tal-volontarjeta' li l-liġi tqies bħala determinanti għal validita' ta'l-istess. Illi in sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu l-akkużat talab li jressaq bħala prova l-*file* mediku tiegħu miżmum mill-Awtoritajiet tal-Ħabs. Fil-fatt din it-talba kienet milqugħa u l-*file* mediku relattiv ġie eżebit permezz ta' nota tas-06 ta' Diċembru 2021[15]. Illi mill-kontenut ta' dan id-dokument jemerġi illi l-akkużat ġie eżaminat medikament

[15] Volum II page 858

hekk kif kien ammess ġewwa l-Faċilita' fit-30 ta' Novembru 2019. Illi għalkemm jidher li l-akkużat informa lit-tabib ġewwa il-Faċillita' illi kien uża d-droga kokajina xi gimgħa qabel, madanakollu l-eżamijiet mediċi li saru kollha taw riżultati tajbin bil-konkluzjoni ukoll illi l-akkużat ma kellu ebda storja ta' mard mentali. Dak in-nhar fil-*file* kien annotat is-segwenti kumment "*no medical complaints, not in pain*". Illi imbagħad minn eżami li sar mill-*forensic psychologist*, Dr. Gail Debono fit-02 ta' Diċembru 2019 din irrappurtat hekk:

> "***Saw inmate at request of managment, did verbal assessment of psychological state. Inmate appeared stable and did not exhibit and report any signs of depression, anxiety or suicidal ideation**.*"

Minn eżami kliniku aktar fid-dettall li sar imbagħad fl-04 ta' Diċembru 2019 jidher illi il-konkluzjoni baqgħet l-istess. Ma jidhirx għalhekk, minn dawn l-eżamijiet mediċi li saru fuq l-akkużat hekk kif daħal il-Ħabs, illi huwa kien qiegħed ibati minn xi mard mentali jew fiżiku, iżda jidher li kien orjentat u stabbli u ma wera ebda sinjal kliniku ta' anzjeta' jew depressjoni. Illi l-Qorti tista' tieqaf hawn, għaliex anke jekk jirriżulta illi l-akkużat kien dipendenti fuq id-droga kokajina fiż-żmien tal-arrest tiegħu, madanakollu ma jirriżultax illi dan il-konsum b'xi mod effettwalu l-kapaċita' li jifhem dak li kien qed jiġri, u lanqas jidher illi dan kien qed iħalli xi effett fuq saħħtu kemm dik fiżika kif ukoll mentali. Illi ma jistax l-akkużat jilmenta illi l-istqarrija tiegħu hija b'xi mod ivvizjata minħabba d-dipendenza li huwa seta' kellu fuq id-droga, billi dan il-fatt waħdu ma jqiegħdux f'xi stat ta' vulnerabbilita' jekk ma jirriżultax illi l-istat ta' saħħa mentali u fiżika hija kompromessa. Fatt illi mill-evidenza medika mressqa quddiem din il-Qorti fuq talba tal-akkużat stess, ma jinsabx ippruvat.

Jiżdied jingħad, iżda, illi minn eżami tal-atti kumpilatorji jirriżultaw ċerti fatti mhux ikkontestati. Illi mhux kontestat, illi jassistu lill-akkużat għall-interrogazzjonijiet li saru kien hemm l-avukati tiegħu, Dr. Marion Camilleri u Dr. Gianluca Caruana Curran. Huwa fatt inkontestat, ukoll, illi l-akkużat kien

mogħti d-drittijiet kollha skont il-liġi qabel irrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu, liema drittijiet jidher li huwa fehem sew.

Issa l-liġi titkellem dwar il-jedd tal-persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat li tingħata aċċess għall-assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija u dan sabiex tgawdi b'mod sħiħ mill-privileġġ kontra l-awto-inkriminazzjoni u mid-dritt tagħħa għas-silenzju. Tagħti il-jedd ukoll lis-suspettat illi jkun infurmat b'dawn il-privileġġi u drittijiet, b'mod speċjali, li jkun imwissi li dak li igħid jista' jinġieb bħala prova fil-qorti. Finalment irid ikun assikurat illi l-istqarrija ttieħdet mingħajr theddid, wegħdiet ta' xi vantaġġ, u mingħajr ma s-suspettat kien imwerwer jew imbeżża', iżda saret minnu b'mod volontarju.

Illi l-istqarrijiet tal-akkużat kienu eżebiti mill-Uffiċjal Prosekutur u Investigatur f'forma ta' reġistrazzjoni awdjo viżiva, b'dawn l-istqarrijiet imbagħad jiġu traskritti mir-Reġistratur tal-Qorti Eunice Grech Fiorini u eżebiti bħala Dokumenti EGF1 sa EGF4[16]. Minn eżami ta'l-istess jidher illi l-uniku kontestazzjoni mressqa mill-avukati tal-akkużat qabel it-teħid tal-istqarrija kienet illi qabel l-interrogazzjoni huwa xtaq ikun jaf x'kien l-eżitu għat-talbiet li huwa kien ressaq għal maħfra presidenzjali, u dan wara informazzjoni li huwa kien forna lill-investigaturi. Jidher illi wara l-arrest tiegħu l-akkużat kien beda minn jeddu jgħaddi informazzjoni lill-investigaturi mhux biss dwar il-każ ta'l-omiċidju li dwaru kien qed jiġi investigat, iżda ukoll dwar każijiet oħra allegatament ta' korruzzjoni fejn implika terzi persuni involuti f'dan l-allegat aġir kriminuż. Ma jidhirx illi meta rrilaxxa dawn id-dikjarazzjonijiet *ai fini* ta' din it-talba għal proklama, huwa lmenta illi kien taħt l-effett tad-droga u dan l-ilment jivventilah biss fir-rigward tal-istqarrijiet rilaxxati minnu ai fini tal-investigazzjoni li kienet għaddejja marbuta mal-omiċidju.

Illi minn qari ta' dawn l-istqarrijiet huwa evidenti illi l-akkużat huwa ko-erenti f'dak li igħid, huwa orjentat u jidher li qed jifhem dak li qed jiġri

---

[16] Atti kumpilatorji Volum VII fols.2398 et seq.

madwaru u dak li qed jiġi mistoqsi. Mhux biss iżda f'partijiet mill-interrogatorju huwa l-akkużat li jmexxi l-mod kif jsiru l-mistoqsijiet u kif jwieġeb[17] u dan meta jippersisti li jwieġeb għal mistoqsijiet tal-interrogatur billi igħid li se jagħti l-informazzjoni mitluba fiż-żmien u l-mument meta jidhirlhu hu li jkun opportun. Fuq kollox, iżda, fl-ebda ħin ma kien imwaqqaf mill-avukati li kienu preżenti miegħu qed jassistuh milli jkompli bl-intervista għaliex ma kienx fi stat ta' saħħa li jiġi interrogat jew li kien taħt l-influwenza tad-droga. Mhux biss iżda mistoqsi mill-Uffiċjal Investigattiv jekk huwa għandux il-vizzju tal-abbuż tad-droga, iwieġeb illi kellu dan il-vizzju fil-passat u fl-ebda ħin ma jindikalu li huwa taħt l-effett tad-droga f'dak il-mument li kien qed jiġi interrogat[18]. Illi finalment fl-aħħar tal-intervista l-Avukat tal-akkużat jistaqsi lill-Uffiċjal Invetsigattiv jekk jistax jagħmillu xi domandi u l-akkużat jispiċċa l-intervista li kienet qed issirlu billi jwieġeb għal-mistoqsijiet tal-avukat tiegħu stess.

Illi allura l-Qorti issibha kemmxejn diffiċli temmen dak ilmentat mill-akkużat f'din l-eċċezzjoni minnu ntentata. Dan il-fatt imbagħad lanqas nġieb a konjizzjoni tal-Istruttur fil-kumpilazzjoni u huwa biss issa fi stadju tal-eċċezzjonijiet li l-akkużat qiegħed iressaq oġġezzjoni għal din il-prova. Illi allura l-Qort tqies illi l-ilment tal-akkużat huwa għal kollox infondat billi l-provi li hemm fl-atti jindikaw mingħajr ebda dubbju illi l-appellant ingħata il-jeddijiet kollha lilu spettanti fil-liġi qabel ma kien interrogat, kien debitament u abbilment assistit, tant illi anke jwieġeb għal mistqosijiet magħmula mill-avukat tiegħu stess u fuq kollox kien qed jifhem tajjeb dak li kien qed jiġi mistoqsi bit-tweġibiet tiegħu jindikaw illi ma kienx f'xi stat ta' vulnerabbilita' tali illi jista' jxejjen dak minnu dikjarat f'dawn l-istqarrijiet. Għaldaqstant għal dawn il-motivi din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda.

L-akkużat jilment ukoll mill-inammissibilita'ta'l-istqarrijiet moghtija lill-Pulizija Ezekuttiva fid-29 u fit-30 ta' Novembru, 2019 in kwantu dawn

---

[17] Ara per eżempju interrogatorju Dokument EGF1 a fol.2424

[18] Ara atti kumpilatorji Vol. VII a fol. 2549/2550

ngħataw minnu mingħajr ma nagħta *disclosure* ta' l-evidenza materjali fil-pussess ta'1-istess Pulizija Ezekuttiva.

Issa qabel kull konsiderazzjoni dwar in-natura ta′ din l-eċċezzjoni ventilata mill-akkużat, il-Qorti tirrileva illi minn eżami tal-imsemmija stqarrijiet dan il-fatt allegat, u ċioe′ n-nuqqas li jiġi lilu żvelat dik l-evidenza materjali li kellha f′idejha il-pulizija f′dak l-istadju tal-investigazzjonijiet, jinsab kontradett mill-avukati stess li kienu qed jassistu lill-akkużat, allura suspettat, waqt it-teħid ta′ dawn l-istqarrijiet. Illi l-Interrogatur jagħmel is-segwenti mistoqsija lill-akkużat u lil avukat tiegħu:

> ***"Uff: disclosure tajniekom lilkom.***
> ***Avukat: Jien iva***.[19]"

Illi l-uniku rikjesta magħmula mill-akkużat, f′dan l-istadju meta allura kien għadu meqjus bħala suspettat, kien illi jiġi lilu żvelat il-kontenut taċ-ċellulari tiegħu, iżda jidher illi dan ma setax jingħatalu billi kien jinstab fl-atti tal-inkjesta u allura kien għadu f′idejn l-esperti.

Illi esposti dawn il-fatti probatorji, jingħad illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli diment li ma jkunx hemm disposizzjoni espressa tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb ′il quddiem. Issa huwa ndubitat illi ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi li tirrendi stqarrija rilaxxata minn suspettat inammissibbli għar-raġuni unika illi ma jkunx lilu żvelat mill-interrogaturi l-evidenza kollha materjali li jkollha f′idejha il-pulizija sa dak il-mument. Illi allura għalkemm l-akkużat jista′ jilmenta illi minħabba tali nuqqas huwa ma hux ser jingħata smigħ xieraq billi seta′ inkrimina ruħu f′mument meta ma kienx hemm il-parita′ fl-armi li titkellem dwarha il-ġustizzja naturali u li l-liġi tisalvagwardja f′kull process ġudizzjarju, madanakollu prova ma tistax titwarrab għal dan il-motiv uniku, iktar u iktar meta l-proċess ġudizzjarju għad irid jiġi ċċelebrat u dan il-fatt allura jrid jkun determinat mill-provi li jinġiebu fil-qorti.

---

[19] Volume 7 2593/2594

Illi huwa l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar il-prova li tista ssir fil-qorti permezz tal-konfessjoni tal-akkużat u meta din għandha titwarrab:

> **Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.**

B'din id-disposizzjoni tal-liġi allura ma teskludiex saħansitra illi l-Interrogatur juża dawk 'l hekk imsejjħa *investigative techniques* fil-kors tal-interrogazzjoni bl-artikolu 14 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar il-Pulizija, intitolat Kodiċi ta' Prattika għall-Interrogazzjoni ta' Persuni Suspettati jipprovdi hekk:

> **14. Qerq bil-kliem**
> **L-użu ta' xi qerq bil-kliem biex iwassal persuna tagħmel stqarrija ma jkunx projbit (bħal "diġà nafu kollox dwar il-każ; sħabek diġà stqarrew kollox").**

Issa l-artikolu 534AF, li abbażi tiegħu qed jitressaq l-ilment ta'l-akkużat, daħal fis-seħħ fil-Kodiċi Kriminali wara li saret it-trasposizzjoni fil-liġi Maltija tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali u dan bis-saħħa tal-Att IV tas-sena 2014. Din tirreferi għad-dritt ta' aċċess tal-persuna akkużata għal dik l-**evidenza materjali** li għandha f'idejha il-Prosekuzzjoni. L-akkużat jistrieħ fuq dak li jipprovdi is-sub-inċiż 2 ta' din id-disposizzjoni tal-liġi li tipprovdi hekk:

> **Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.**

Illi l-evidenza materjali li l-akkużat jikkontendi ma kenitx magħrufa lilu meta huwa rrilaxxja l-istqarrija tiegħu tirreferi għal konversazzjonijiet telefoniċi reġistrati mix-xhud Melvin Theuma fejn jilmenta illi qabel l-interrogatorju

huwa ma kien mogħti kopja ta' sitta biss minn dawn ir-reġistrazzjonijiet meta matul is-smigħ tal-Istruttorja emerġa illi fil-fatt kien hemm aktar minn mitt reġistrazzjoni oħra li allura baqgħu injoti għalih sa dak il-mument. Apparti dawn ir-reġistrazzjonijiet, jikkontendi illi l-Pulizija kellha ukoll f'idejha numru ta' *call profiles* u *location data*, interċettazzjonijiet telefoniċi u estrazzjonijiet ta' *mobile phones*, inkluż estrazzjonijiet miċ-ċellulari tiegħu stess. Jagħmel referenza fis-sottomissjonijiet tiegħu għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet *Elton Gregory Dsane vs State Advocate* deċiża fl-24 ta' Awwissu 2020, f'liema sentenza saret referenza għal deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Suprema tar-Renju Unit li straħet fuq pronunzjamenti mill-EctHR.

Illi jibda biex jingħad illi l-evidenza kollha materjali li l-Pulizija kellha f'idejha ġiet imressqa fil-kors tal-Istuttorja u allura dik l-evidenza li qed issir referenza għaliha mill-akkużat, u li jikkontendi ma kenitx magħrufa lilu meta kien interrogat mill-pulizija, llum tinsab konservata u kkumpilata, għajr għal dik l-evidenza li sal-lum għadha ma tistax tkun ippreżentata billi tifforma parti minn inkjesti dwar l-*in genere* li għadhom miftuħa. Illi l-akkużat qiegħed allura jinvoka l-inammissibbilta' ta' din il-prova fuq allegazzjoni ta' ksur tal-jedd fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq u mhux kif ingħad fuq xi regola eskluzjonarja ta' dritt. Dan ifisser illi f'dan l-istadju hekk bikri tal-proċeduri l-Qorti ma tistax twarrab ebda prova magħmula skont il-liġi minħabba leżjoni potenzjali ta' xi dritt fondamentali tal-akkużat. Illi s-sentenza li għaliha ssir referenza mid-difiża tikkonċerna każ li kien għadda in ġudikat u fejn il-persuna akkużata kienet ammettiet għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha meta kien hemm evidenza materjali li ma kenitx ġiet magħrufa lilu qabel ma irreġistra dik l-ammissjoni. F'dan ix-xenarju probatorju l-Qorti Kostituzzjonali setgħet tasal biex tistabbilixxi li kienet seħħet leżjoni meta kellha l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu mqiegħed quddiemHa. Mhux biss, iżda ir-rimedju mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali ma kienx tali illi wassal sabiex jkunu annullati l-proċeduri fl-intier tagħhom u allura dawk il-proċeduri fejn l-akkużat kien irreġistra l-ammissjoni tiegħu, iżda ngħata il-jedd li jitlob reviżjoni ta' dik id-deċizjoni ta' ħtija billi jressaq l-

ilmenti tiegħu, fosthom allura, li huwa ma kienx ingħata *disclosure* skont il-liġi, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Illi fil-fatt s-sentenza *Macklin (Appellant) v. Her Majesty's Advocate (Respondent)* tas-16 ta' Diċembru 2015, iċċitata fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tindika proprju dan meta kien deċiż:

> ***"As the European Court of Human Rights explained in Edwards v United Kingdom (1992) 15 EHRR 417, the question whether a failure of disclosure has resulted in a breach of article 6(1) <u>has to be considered in the light of the proceedings as a whole, including the decisions of appellate courts</u>. This means that the question has to be approached in two stages. First, it is necessary to decide whether the prosecution authorities failed to disclose to the defence all material evidence for or against the accused, in circumstances in which a failure to do so would result in a violation of article 6(1). If so, the question which then arises is whether the defect in the trial proceedings was remedied by the subsequent procedure before the appellate court"***

Illi allura anke jekk, *gratia argomenti,* din il-Qorti kellha tagħti raġun lill-akkużat fl-ilment minnu imressaq, huwa prematur għalih illi jitlob li l-prova magħmula bl-istqarrija tiegħu tkun imwarrba minħabba leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Dan, apparti l-fatt li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza tiddeċiedi dwar dan l-ilment, iktar u iktar fix-xenarju fejn l-istqarrija tal-akkużat ma tikkontjeni ebda dikjarazzjoni awto-inkriminatorja, fatt li jista' jkun determinat biss mill-ġurija popolari matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u ma jistax jkun deċiż mill-Qorti f'dan l-istadju. Għal dawn il-motivi anke din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Finalment l-akkużat jattakka l-valur probatorju ta' dikjarazzjonijiet minnu rilaxxati lil pulizija in konnessjoni mat-talba magħmula minnu għal maħfra presidenzjali, liema stqarrijiet jinsabu eżebiti in atti u dan meta jeċċepixxi:

> **L-inammissibilita' tad-dikjarazzjonijiet ta' l-eccipjent moghtija lill-Pulizija Ezekuttiva fil-21, fl-24, fil-25 u fis-27 ta' Novembru, 2019 (esebiti u mmarkati bhala Dok KA28, KA31, KA33 u KA34 rispettivament) minhabba ma kienx f'posizzjoni li jaghmel dikjarazzjonijiet volontarji, li dawn id-dikjarazzjonijiet ma jissodisfawx ir-rekwiziti tal-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali u li dawn d-dikjarazzjonijiet gew mehuda u/jew prezentati b'qerq.**

L-Avukat Ġenerali jilqa' għal din l-eċċezzjoni meta jikkontendi illi ġaldarba id-dikjarazzjonijiet rilaxxati mill-akkużat in konnessjoni mat-talba tiegħu għal maħfra presidenzjali ma jiksru bl-ebda mod ir-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, kwindi tali konfessjonijiet hekk magħmula jikkostitwixxu prova valida fil-liġi. Jakkampa favur tiegħu il-prinċipju ta' ġustizzja naturali tal-parita' fl-armi meta jidhirlu illi ġaldarba il-Qorti Istruttorja laqgħet it-talba tad-difiża li jkunu eżebiti in atti id-dikjarazzjonijiet rilaxxati mix-xhud Melvin Theuma in konnessjoni mal-maħfra presidenzjali mogħtija lil dan ix-xhud, kwindi bl-istess mod dawk id-dikjarazzjonijiet rilaxxati mill-akkużat għall-istess mottiv, ukoll għandhom jikkostitwixxu prova in atti.

Illi l-Qorti tistqarr minnufih u mingħajr tlaqliq illi ma tistax taqbel mal-argumenti imqajjma mill-Avukat Ġenerali. Jibda biex jingħad illi f'dan il-proċess ġudizzjarju l-posizzjoni ta'l-akkużat u tax-xhud tal-Prosekuzzjoni Melvin Theuma ma jistgħu jkunu komparabbli bl-ebda mod. Illum l-akkużat huwa persuna li qed jiffaċċja proċess ġudizzjarju mixli b'reati ferm serji u li jġorru piena oneruża. Melvin Theuma, minn naħa l-oħra, huwa biss xhud tal-Prosekuzzjoni, li għandu il-garanzija li ma hux ser ikun passibbli għal proċeduri kriminali soġġett għal diversi kundizzjonijiet fosthom li huwa jagħti x-xiehda tiegħu f'dawn il-proċeduri u li jgħid il-verita'. Dan ifisser illi huwa ferm importanti li mhux biss id-difiża tkun tista' teżerċita xi forma ta' kontroll fuq dak li ser jiġi mistqarr minn dan ix-xhud, li *del resto* huwa xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni, iżda li din il-Qorti, kif ukoll il-gurija bħala l-Imħallfin tal-fatt, jkunu f'posizzjoni jiżnu l-kredibbilta' ta' dan ix-xhud ferm importanti.

Magħdud dan, huwa ndubitat u lanqas kontestat illi fil-mument li l-akkużat irrilaxxa dawn id-dikjarazzjonijiet huwa kien diġa' meqjus bħala suspettat fit-termini tad-definizzjoni enkapsolata fl-artikolu 534A tal-Kodiċi Kriminali u assuma dina il-figura "***mill-ħin li tkun mgħarrfa mill-Pulizija Eżekuttiva li hemm suspett li wettqet reat.***" Huwa inkontestat ukoll illi meta rrilaxxa id-

dikjarazzjonijiet Dokumenti KA28, KA31, KA33 u KA34[20], huwa ma ngħata ebda twissija skont il-liġi u dan għaliex kien hemm l-intiża bejn l-Interrogaturi, l-akkużat u l-avukati tiegħu illi dawn id-dikjarazzjonijiet ma kenux ser jintuża bi prova kontra l-akkużat f'ebda eventwali proċess ġudizzjarju. Illi l-Uffiċjal Investigattiv għamel rimarka f'dan is-sens fin-notamenti tiegħu tal-investigazzjoni u li jinsabu eżebiti in atti. Fil-fatt mill-imsemmija *prime note* tas-Spettur Kurt Zahra, li l-Qorti ordnat li jkunu eżebiti in atti fuq talba tal-akkużat, hemm imniżżel testwalment:

> *"Bhal sehh anki ma MT (b'referenza għal Melvin Theuma), sar anki qbil ma l-avukati tieghu [b'referenza għall-akkużat] illi l -verzjonijiet tieghu li kien se jaghti sabiex ikun jista' jinghata l-proklama, ma setghux jigu uzati bhala prova f'kaz li dan ma jinghatax proklama.*
> ***Ghaldaqstant, is-segwenti ma jistax jintuza ghal fini ta' xhieda fl-ebda fora** (enfasi mizjuda tas-Spettur Kurt Zahra)"*

Illi dan ifisser illi ġaladarba dawn id-dikajarazzjonijiet ma ttieħdux skont il-liġi u speċifikament bis-salvagwardji kollha maħsuba fl-artikolu 534AB tal-Kodiċi Kriminali, liema salvagwardji jħarsu mill-periklu tal-awto-inkriminazzjoni[21], kwindi jitilfu il-valur probatorju tagħhom. Dan għaliex l-akkużat, allura ġja meqjus bħala suspettat, irilaxxa dikjarazzjonijiet li jistgħu jkunu inkriminatorji mhux minn jeddu, u b'mod volontarju, iżda soġġett għal kundizzjoni li jitqiesu fl-ambitu ta' potenzjali proklama jew maħfra presidenzjali fit-termini ta'l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni, u allura bl-intiża li huwa qed jagħmel l-istess bit-tama li jevita l-proċess penali.

Illi l-liġi penali tagħmel distinzjoni bejn il-konfessjoni gudizzjarja u għalhekk meħuda minn xi awtorita' skont il-liġi, u dik extra-ġudizzjarja, b'dan illi din tal-aħħar tkun tinneċessita dejjem provi korroborattivi għalbiex fuqhom tista' tissejjes ir-reita'. Illi huwa indubitat illi id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-akkużat, li huwa qiegħed jitlob biex jkunu rimossi mill-atti proċesswali u li ma issir ebda referenza għalihom fil-ġuri, jitqiesu li huma ġudizzjarji billi magħmula lil awtorita' investigattiva u allura għandhom jittieħdu skont il-liġi. Illi anke jekk *gratia argomenti* il-Qorti kellha tqies illi d-dikjarazzjonijiet

[20] Ara kumpilazzjoni Volum 11 fols 4217 et seq
[21] Artikolu 534AB(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali

magħmula mill-akkużat għandhom jitqiesu bħala 'extra ġudizzjarja', xortawaħda dawn iridu isiru skont dak stipulat fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali hawn fuq iċċitat. Illi d-dikjarazzjonijiet rilaxxati mill-akkużat, għalkemm mogħtija minnu volontarjament, kienu madanakollu soġġetti għal kundizzjoni illi dawn ma jintużawx f'proċess ġudizzjarju li jista' isir fil-konfront tiegħu, iżda unikament sabiex jkun minnu esplorat il-possibilita' li huwa jingħata maħfra presidenzjali jekk jassisti lil pulizija fl-investigazzjonijiet mhux biss tar-reat li dwaru kien arrestat iżda ukoll possibbilment reati oħra li ġew kommessi u li seta' kellu għarfien dwarhom.

Il-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar Procedura Kriminali (f'pagni 100-101) jgħallem illi:

> ***"Extrajudicial Confessions are those were the defendant either expressly confesses his guilt or makes admission of facts from which his guilt may be implied, under any circumsatnces other than those described in respect of judicial confessions. They may be in writing or oral.***
> ***So that a confession may be received in evidence against the person who made it the law (sec.658) requires that it shall appear that such confession was made voluntarily and was not extorted or obtained by means of threats or intimidation, or of any promise or suggestion of favour. There is no presumption in law that a confession not free and voluntary is false; it is excluded on the ground that improper threats or promises may influence an accused or suspected person to say what is not true, and therefore a confession made in such circumstances cannot be safely acted upon.***
> ***It is obviously right that a person knowing his guilt should, if he so wishes, confess at the earliest opportunity, and there is no reason why he should be discouraged from so doing. But the law requires that the confession shall have been made voluntarily and, in the practice of our courts, the prosecution must give affirmative 'prima facie' evidence that it was so made. The law says 'voluntarily' and not 'spontaneously'......"***

Illi l-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dawn l-erba' dikjarazzjonijiet eżebiti mis-Supretendent Keith Arnaud, Dokumenti KA28, KA31, KA33, KA34. Kif ingħad, għalkemm l-akkużat kien debitament assistit mill-avukati tiegħu li sa dak il-mument kienu kkonsultaw miegħu diversi drabi, kienu kkomunikaw mall-investigaturi u anke kienu mogħtija *disclosure* tal-evidenza li kellha f'idejha il-pulizija sa dak il-mument, madanakollu dawn id-dikjarazzjonijiet kienu rilaxxati mingħajr id-debita twissija skont il-liġi, u dan sar appożitament għaliex dawn qatt ma kienu ntiżi li jinġiebu bi prova kontra l-akkużat, allura suspettat, fil-qorti. Dan ifisser illi ġaldarba dawn id-

dikjarazzjonijiet li jistgħu jkunu awto-inkriminatorji, rilaxxati mill-akkużat fil-mument li huwa kien diġa' meqjus bħala persuna suspettata implikat fil-qtil ta' Daphne Caruna Galizia, ma ttieħdux bis-salvagwardji kollha li tagħti il-liġi lil persuna suspettata b'reat kriminali, kwindi dawn jitilfu il-valur probatorju tagħhom u huma inammissibbli bħala prova billi legalment ivvizjati. Tant hu hekk illi kemm is-Supretendent Keith Arnaud kif ukoll l-Ispettur Kurt Zahra li kienu qed imexxu dawn l-investigazzjonijiet u kienu qed jieħdu ħsieb jinterrogaw lill-akkużat, jaqbblu illi l-istqarrijiet "uffiċjali", u allura dawk id-dikjarazzjonijiet li jistgħu jinġiebu bħala prova fil-qorti, ittieħdu wara li kien sar l-eżerċizzju investigattiv fejn kienet esplorata it-talba tal-akkużat, allura suspettat, għal Proklama Presidenzjali fejn allura id-dikjarazzjonijiet eżebiti bħala Dokumenti KA28, KA31, KA33 u KA34 ġew minnu rilaxxati fl-ambitu ta' din it-talba u għall-ebda skop ieħor. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni jistħoqqilha akkoljiment u għal motivi hawn fuq miġjuba il-Qorti qed tiddikjara il-prova magħmula permezz tad-dikjarazzjonijiet eżebiti bħala Dokumenti KA28, KA31, KA33 u KA34 bħala inammissibbli skont il-liġi, u għalhekk tordna li dawn ma jinġiebux a konjizzjoni tal-gurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u li ma ssirx referenza ghall-istess minn ebda xhud tal-Prosekuzzjoni.

**<u>L-eċċezzjonijiet numru 14 u 15.</u>**

Illi dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ser jiġi trattati flimkien billi fihom l-akkużat qiegħed jitlob l-isfilz tax-xiehda mogħtija mix-xhud Melvin Theuma billi jqis din il-prova bħala waħda inammissibbli fl-ewwel lok fid-dawl tal-fatt "*illi ma kienx lilu permess illi jagħmel il-kontro-ezami komplut tieghu peress illi, l-ezami tieghu gie sospiz diversi drabi u meta l-ezami gie finalment konkluz l-Avukat Generali ħareġ l-att tal-akkuża nonostante li kien hemm seduta quddiem il-Qorti Struttorja proprju biex isir tali kontro-eżami.*" Fit-tieni lok iqies din il-prova bħala waħda inammissibbli f'dawk il-partijiet fejn ix-xhud seta' esprima xi opinjoni.

Illi jingħad qabel kull konsiderazzjoni oħra illi x-xhud Melvin Theuma huwa indikat bħala xhud tal-Prosekuzzjoni fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuża, u kwindi dan ix-xhud ser jiddeponi mill-ġdid fil-kors taċ-

ċelebrazzjoni tal-ġuri bil-ġurati allura għandhom iqiesu fid-delibarazzjoni tagħhom dik ix-xiehda li tkun instemgħet quddiemhom. Illi l-iskop tal-Istruttorja huwa dak li l-atti jkunu istruwiti b'tali mod illi kull parti tkun taf preventivament x'inhuma dawk il-provi ewlenin li ser jinġiebu fil-ġuri b'dan għalhekk illi l-akkużat, b'mod speċjali, jkun f'posizzjoni aħjar iħejji d-difiża tiegħu. Dan ifisser illi bil-fatt waħdu illi d-difiża ma rnexxilhiex ittemm il-kontro-eżami li xtaqet tagħmel lix-xhud Melvin Theuma, bl-ebda mod ma jista' irendi tali deposizzjoni bħala waħda inammissibbli fil-liġi, u dan għaliex l-akkużat ser ikollu kull opportunita' jagħmel tali kontro-eżami fis-smigħ tal-ġuri. Illi fuq kollox id-deposizzjoni tax-xhieda li jinstemgħu waqt l-Istruttorja ma jinġiebux a konjizzjoni tal-ġurati ħlief għal fini biex jiġi eżerċitat kontroll fuq dak mistqarr minn xi xhud li, jew ikun qed jagħti verżjoni tal-fatti differenti minn dik ikkumpilata, jew inkella jekk ix-xhud ikun rikalċitranti. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda.

Illi fit-tieni lment imqanqal mill-akkużat fir-rigward tad-deposizzjoni tax-xhud Melvin Theuma, huwa joġġezzjona għal dik il-parti tax-xiehda fejn dan ix-xhud, fil-fehma tiegħu, seta' esprima opinjoni, u jindika permezz ta' nota ippreżentata fit-08 ta' April 2022 l-istanzi f'din id-deposizzjoni twila fejn dan ix-xhud ma żammx mal-fatti, iżda wera xi opinjoni jew fehma mhux ibbażata fuq fatti ippruvati, jew li jistgħu jkunu ppruvati. Illi f'din in-nota, iżda, l-akkużat jindika diversi paġni fix-xiehda ta' Melvin Theuma mingħajr ma jirreferi għal dawk l-estratti mix-xiehda fejn, fil-fehma tiegħu, ix-xhud qiegħed jesprimi xi opinjoni. Illi l-Qorti rat din ix-xiehda li fl-essenza tagħha tidher li tirreferi għal fatti li kienu magħrufa lix-xhud. Issa jekk din ix-xiehda hijiex waħda kredibbli u attendibbli mhijiex fil-manzjoni riposta f'idejn il-Qorti f'dan l-istadju. Li hu zgur huwa, kif tajjeb jissottometti l-Avukat Ġenerali fis-sottomissjonijiet tiegħu, illi huma biss l-esperti maħtura mill-Qorti li jistgħu jesprimu xi fehma jew opinjoni u kwindi il-ġurati għandhom ikunu mogħtija direzzjoni sabiex jinjoraw kwalsiasi fehma jew opinjoni li jista' jagħti xhud li mhuwiex espert maħtur mill-Qorti. Fuq kollox jerġa' jiġi ribadit illi ix-xhud Melvin Theuma ser jerġa jiddeponi mill-ġdid matul iċ-

ċelebrazzjoni tal-ġuri, meta allura l-Imħallef togat stess għandu jidderiġi lix-xhud sabiex jixhed fuq il-fatti lilu magħrufa u sabiex ma jesprimi l-ebda opinjoni mhux ibbażata fuq fatti ippruvati. Illi l-Qorti tal-Appell fil-kawza *il-Pulizija vs Renard Cassar*, deċiża fl-24 ta' Settembru, 2009 irritjeniet illi:

> **"Hija prattika sancita mill-ligi, li xhieda ordinarja u cioe mhux persuni mahtura bhala espert mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak illi huma kkonstataw bis-sensi taghhom. Meta jkun mehtieg xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja (artikolu 650(1) tal-Kap 9).**

Illi allura in linja mal-ispirtu tal-liġi, huwa indibutat u indisputat illi ebda xhud ma huwa ser jitħalla jesprimi xi opinjoni fil-kors tal-ġuri, għajr għal dawk l-esperti nominati mill-Qorti, u l-ebda parti tad-deposizzjoni tax-xiehda tax-xhud Melvin Theuma mogħtija fl-Istruttorja fejn dan seta' esprima xi opinjoni ma għandha tintwera lil ġurati. Għal dawn il-motivi, salv dak li qed jiġi deċiż, din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda ukoll.

**<u>L-eċċezzjoni numru 16</u>**

Illi din l-eċċezzjoni hija simili għal dik bin-numru 14 fejn l-akkużat ukoll jitlob lil Qorti tiddikjara il-prova magħmula fl-Istuttorja bix-xiehda ta' Keith Schembri, Shianne Zammit, u Kenneth Camilleri bħala waħda inammissibbli stante li ma kienx lilu permess, matul il-kumpilazzjoni, li jagħmel il-kontro-eżamijiet tagħhom peress illi l-eżami gie sospiż mill-Prosekuzzjoni. Illi l-Qorti fil-konsiderazzjonijiet minnha magħmula b'rabta mal-ewwel ħames eċċezzjonijiet imressqa mill-akkużat irrilevat illi fir-rigward tal-kontro-eżami tax-xhud Keith Schembri, dan ma setax jitkompla għaliex d-deposizzjoni tax-xhud in eżami kienet sospiża mill-Prosekuzzjoni billi kienu għadhom għaddejjin l-investigazzjonijiet mill-pulizija dwar il-fatti li riedu jiġu stabbiliti bix-xhieda tiegħu, u li fi kwalunkwe każ, f'dak l-istadju, ix-xhud kellu d-dritt li ma jweġibx biex ma jinkriminax ruħu. Fir-rigward tal-kontro-eżami tax-xiehda ta' Shianne Zammit u Kenneth Camilleri, liema kontro-eżamijiet fil-fatt jirriżulta illi saru, l-imsemmija xhieda eżerċitaw il-jedd tagħhom għas-silenzju, u allura li ma jweġbux għad-domandi in kontro-eżami, sabiex ma jinkriminawx rwieħhom, fil-każ tal-ewwel xhud billi kien hemm istitwiti fil-

konfront tagħha proċeduri penali, u fil-każ tat-tieni xhud billi dan kien għadu qed jiġi investigat mill-pulizija. Illi jerġa' jiġi ribadit illi bil-fatt illi ma jkunx sar il-kontro-eżami ta' xi xhud quddiem il-Qorti Istruttorja ma jirrendiex tali evidenza bħala waħda inammissibbli u dan għaliex dawn ix-xhieda kollha ser jiddeponu fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri bl-akkużat ikollu kull opportunta' li jagħmel il-kontro-eżami ta'l-istess. Tali eżerċizzju ta' kontroll ma jistax ikun lilu mċaħħad f'dak l-istadju, u fl-eventwalita' illi lil tali xhieda ma jkunx jista' isirilhom il-kontro-eżami mid-difiża, l-Imħallef togat għandu jagħti direzzjoni lill ġurati li ma joqgħdux fuq id-deposizzjoni ta' xi xhud li d-difiża jkun lilha ġie prekluż milli teżerċita kontroll fuqu, ħlief għal dawk iċ-ċirkostanzi ravviżati fil-liġi u preċiżament fl-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali[22]. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda ukoll.

**L-eċċezzjonijiet bin-numru 17, 18, 19 u 21**

Illi dawn l-erba' eċċezzjonijiet kollha ifittxu biex ixejjnu r-rapporti mressqa mill-esperti tal-Aġenzija *Europol* li kienu ġew maħtura fil-kors tal-inkjesta dwar l-*in genere* marbuta mal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Jikkontendi l-akkużat fl-eċċezzjoni numru 17 illi dawn l-esperti u ċioe' Sami Harmoinen, Konstantinos Petrou, Israel Gordillo Torres u Giuseppe Totaro ma kenux nominati mill-Maġistrat Inkwirenti biex jassistuh fl-inkjesta, iżda kienu ġew magħżula mill-Prosekuzzjoni biex b'hekk ma jistgħux jitqiesu bħala esperti indipendenti.

Illi l-akkużat qiegħed jattakka l-imparzjalita' ta' dawn l-esperti għaliex isostni illi fir-rapport imħejji minnhom huma ddikjaraw hekk:

> ***On the 22 November, 2017 the digital forensic lab of Europol (DFL) has received a request from Maltese Authorities to provide forensic***

---

[22] (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u vivavoce.
(2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:
Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat vivavoce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista'tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikunbarra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8)

> ***support to local authorities within the framework of an operation in Malta in relation to the homicide of journalist Daphne Caruana Galizia. The request was officialised through SIENA message 129203S-6-1***

Għall-akkużat dan ifisser illi kienu l-Pulizija Eżekuttiva li talbu l-assistenza ta' dawn l-esperti fl-investigazzjonijiet dwar l-omiċidju mertu ta' dawn il-proċeduri u mhux il-Maġistrat Inkwirenti biex b'hekk l-imparzjalita tagħhom hija vvizjata.

Illi jibda biex jingħad illi minnufih mal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia ġiet varata l-inkjesta maġisterjali bin-numru 813/2017 "*dwar spluzjoni ġewwa Triq il-Bidnija, limiti tal-Mosta, fejn tilfet hajjitha persuna li kienet gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni QQZ668 ta' l-ghamla Peugeot 108 ,liema vettura garrbet hsarat estensivi, nhar is-16 t'Ottubm 2017*". Hawnhekk intallbet l-assistenza ta' diversi esperti barranin fosthom esperti tal-informatika mill-Aġenzija tal-*Europol*, meta l-Maġistrat Inkwirenti ħatar lil dawn l-esperti fid-digriet tal-ħatra tagħhom li ġġib id-data tal-23 ta' Novembru 2017, fejn jingħad illi n-nomina tagħhom hija ċirkoskritta sabiex "*jassistu lill-Inkwirenti fil-gbir ta' data elettronika fuq 'mobile telephony' u jaghmlu l-analizi teknici fuq 'data traffic' cellulari, kif ukoll ghal 'data extraction' minn kull apparat elettroniku iehor elevat fl-inkjesta.*" Illi allura b'dan id-digriet wiesgħa l-esperti kellhom jassistu lill-Inkwirenti fl-analiżi ta' kull *data* elettronika marbuta mal-*in genere* dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Mhux biss, iżda dawn reġgħu kienu maħtura b'digriet ieħor tal-Inkwirenti, tal-21 ta' Novembru 2019 wara li seħħ l-arrest tal-akkużat, għalkemm fil-fehma ta-Qorti, l-ewwel digriet kien ikopri ix-xogħol kollu ukoll li sar wara tali arrest. Illi għalkemm inizjalment setgħat saret komunika bejn il-Pulizija Eżekuttiva u l-Aġenzija *Europol* sabiex jiġi mistħarreġ jekk din l-Aġenzija kenitx f'posizzjoni tassisti lill-Inkwirenti fl-investigazzjoni marbuta mal-*in genere*, madanakollu huwa indubitat illi dawn l-imsemmija esperti kienu fil-fatt nominati fl-inkjesta u ma kellhom ebda kuntatt mal-investigaturi hlief taħt il-kappa ta' dan l-istħarriġ dwar l-*in genere* u fil-parametri tan-nomina lilhom magħmula mill-Inkwirenti, tant illi fil-fatt huma irrappurtaw il-konkluzjonijiet tagħhom lil Inkwirenti u

sussegwentement lil Qorti. Għal kull komunikazzjoni li saret bejn l-investigaturi u dawn l-esperti kien hemm l-awtorizżazzjoni speċifika tal-Inkwirenti.

L-akkużat jilmenta ukoll illi r-relazzjonijiet ta' dawn l-esperti hija inammissibbli għaliex huma impjegati u/jew membri ta'l-Aġenzija *Europol* u għalhekk ma jistgħux jitqiesu bħala esperti indipendenti u imparzjali. Iqies illi bil-fatt illi dawn l-esperti jiffurmaw parti minn skwadra tal-pulizija Ewropeja ifisser illi ma jistgħu qatt ikunu imparzjali u indipendenti u dan għaliex jikkostitwixxu estenzjoni tal-pulizija tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja. Jagħmel referenza għas-sit elettroniku tal-Pulizija ta' Malta li jikkontendi jirreklama lil Aġenzija tal-*Europol* bħala entita' li tifforma parti mis-sezzjoni tal-'*Investigations and Security*' flimkien mal-'*Major Crimes Unit*', il-'*Vice Squad*' u l-'*Financial Crimes Investigations Department*' fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Jikkontendi illi anke fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija *Europol,* din l-Aġenzija hija deskritta bħala *the EU hub for criminal intelligence*, u bħala *a support service for the law enforcement agencies of the EU Member State.* Għall-akkużat dan ifisser illi din l-Aġenzija tifforma parti integrali mill-Pulizija ta' Malta, bil-ħlas għas-servizzi minnhom reżi saħansitra jitħallsu mill-*Europol* innifisha u mhux mill-Aġenzija tal-Qorti ta' Malta.

Illi s-sit elettroniku tal-Aġenzija *Europol* jiddeskrivi r-rwol tal-Aġenzija testwalment:

> "L-Europol joffri firxa unika ta' servizzi filwaqt li jibbenefika mill-pożizzjoni ċentrali tiegħu fl-arkitettura tas-sigurtà Ewropea:
>
> - jagħti appoġġ lill-**operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi fuq l-art**
> - iservi ta' **ċentru fejn tinġabar l-informazzjoni** dwar l-attivitajiet kriminali
> - hu ċentru għall-**għarfien espert** dwar l-infurzar tal-liġi.
>
> L-Europol jimpjega madwar **100 analist kriminali** li huma fost l-aktar imħarrġa fl-Ewropa. Dan iwassal sabiex ikun **wieħed mill-akbar konċentrazzjonijiet ta' kapaċità analitika** fl-UE. L-analisti jużaw l-aktar għodda avvanzata biex jappoġġjaw l-investigazzjonijiet tal-aġenziji nazzjonali kuljum.

Sabiex l-imsieħba tiegħu jkollhom ħarsa aktar profonda fil-problemi kriminali li jaffaċċjaw, l-Europol jipproduċi analiżi regolari fuq żmien twil tal-kriminalità u t-terroriżmu."

Wieħed mir-rwoli tal-Aġenzija għalhekk huwa li toffri l-assistenza lill-Istati Membri bl-għarfien ta' l-esperti tagħha. Illi għalhekk kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-akkużat, dan ma jnaqqasx xejn mill-indipendenza u l-imparzjalita' tal-esperti nominati mill-Inkwirenti fl-inkjesta dwar l-*in genere* ta' persuni impjegati mal-*Europol* meta l-għan tal-Aġenzija huwa proprju li toffri l-*expertise* tal-impjegati tagħha biex igħinu lill-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll awtoritajiet ġudizzjarji fl-investigazzjonijiet dwar reati serji. Illi fuq kollox il-ħatra mill-Inkwirenti saret fil-konfront ta' individwi u mhux fil-konfront tal-Aġenzija innifisha. Dan ma jfissirx illi persuni li jaħdmu fi hdan l-Aġenzija ma humiex indipendenti u imparzjali.

Illi l-Qorti ħadet avviż ġudizzjarju tas-sit elettroniku tal-Pulizija ta' Malta, kif indikat mill-akkużat fis-sottomissjonijiet tiegħu, u ma rriżultalhiex dak mistqarr minnu u ċioe' illi l-*Europol* tifforma parti mis-Sezzjonijiet differenti tal-pulizija tant illi l-*link* indikata minnu ma kenitx aktar aċċessibbli. Illi b'analoġija, minn dan is-sit elettroniku jemerġi ukoll illi l-Laboratorju Forensiku jifforma parti mis-Sezzjonijiet tal-Korp, madanakollu l-uffiċjali tax-xena tar-reat addetti ma' din is-Sezzjoni huma maħtura kontinwament bħala esperti tal-Qorti u fl-Inkjesti dwar l-*in genere* mingħajr ma hija mittiefsa l-indipendenza tagħhom. U għalhekk kuntrarjament għal dak sottomess mill-akkużat huwa rilevanti dak diversi drabi ribadit mill-qrati ta' gurisdizzjoni penali inkluza minn din il-Qorti kif ippresjeduta illi:

> **"U allura ghalkemm l-esperti tal-FBI, NFI u tal-Europol huma fil-maggior parti taghhom addetti ma' agenzija polizjeska fil-pajjiz minn fejn joriginaw dawn l-agenziji, madanakollu dawn ma ghandhom ebda konnessjoni mal-Korp tal-Pulizija maltija u allura ma jistghu qatt ikunu dipendenti minn dan il-Korp jew inkella jkollhom xi konnessjoni mal-Prosekuturi ta' dan il -kaz. B'analogija, ghalkemm l-ufficjali tax-xena tar-reat li jassistu lill-Inkwirenti u lil Qorti huma parti mill-korp tal-pulizija ghalkemm addetti mal-Dipartiment tal-Forensika, madanakollu xortawahda huma dejjem**

**jigu nominati bhala esperti u jitqiesu indipendenti u imparzjali mill-partijiet fil-kawza, u b'mod specjali mill-Prosekuzzjoni.[23]"**

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Settembru 2005 fl-ismijiet *Nazzareno Zarb v. Malta* kien deċiż:

> ***"Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the prosecution (see Van Mechelen and Others v. the Netherlands, judgment of 23 April 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified (see, Brandstetter, judgment quoted above, p. 21, § 44, and Emmanuello, decision quoted above).***
>
> ***"Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see Emmanuello, decision quoted above). Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective."***

Illi finalment mill-atti tal-Istruttorja u l-evidenza hemmhekk miġbura ma jirriżultax illi kien hemm xi indħil fl-operat ta' dawn l-esperti mill-Pulizija maltija u fil-fatt jirriżulta illi dawn dejjem ħadmu taħt id-direzzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti bir-rapporti jiġu redatti unikament minn dawn l-esperti u ppreżentati direttament lil Qorti u b'kull komunikazzjoni bejn l-esperti u l-investigaturi tkun awtoriżżata mill-istess Maġistrat, kif ingħad[24].

Illi l-akkużat, fl-eċċezzjoni bin-numru 19, jallega illi "il-*Code of Conduct*" li huma marbuta bih dawn l-esperti fl-impjieg tagħhom jirrendi l-operat tagħhom totalment inkompatibbli ma l-indipendenza rikjesta għal espert nominat minn Qorti jew f'inkjesta magisterjali u addirittura dawn huma

---

[23] Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degiorgio et – deċiża 30/10/2020

[24] Ara proces verbal digriet 21 ta' Novembru 2019 Vol25 fol. 6311

prekluzi milli jagixxu ta' esperti indipendenti. Jistrieh fuq ir-regola bin-numru 2.4 ta' dan il-Kodiċi li jipprovdi testwalment illi:

> ***No one shall either take or seek instructions from any government, authority, organisation or person outside Europol regarding the performance of duties***

Għall-akkużat din ir-regola tippreskludi lill-impjegati tal-Aġenzija milli jkunu maħtura bħala esperti ta' awtorita ġudizzjarja barranija.

Illi jibda biex jingħad illi kwalsiasi ksur tar-regoli li jorbtu lill-impjegati fl-impjieg tagħhom hija kwistjoni li tista' timpinġi fuq ir-relazzjonijiet bejn minn jimpjega u l-impjegat tiegħu u ma torbot bl-ebda mod lil terzi persuni estranji għal dan il-ftehim. Illi l-klawsola li l-akkużat jagħmel referenza għaliha fuq kollox tirreferi għall-operat ta' dawn in-nies hekk impjegati mal-Aġenzija, fejn hemm stipulat illi huma għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u imparzjali fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom mingħajr ma jkun hemm indħil minn ebda organizazzjoni, gvern jew awtorita'. Illi mill-provi kkumpilati u senjatament mir-rapporti ta' dawn l-esperti ma jirriżultax illi fl-operat tagħhom kien hemm xi indħil la mill-Gvern u lanqas mill-Qorti jew mill-Maġistrat Inkwirenti u eżegwew l-inkarigu tagħhom b'mod indipendenti u imparzjali, tant illi ħafna mill-eżamijiet forensiċi saħansitra saru minnhom fl-uffiċju tal-*Europol* u mhux f'xi laboratorju hawn Malta. Mhux biss, iżda anke b'referenza għal dawk l-eżamjiet forensiċi li saru Malta, l-espert Harmoinen jikkonferma fix-xiehda tiegħu illi bħala esperti mill-Aġenzija *Europol* huma kienu ġew assenjati kamra appożita ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, li kienet tissakkar u li kellhom aċċess għaliha huma biss ad eskluzjoni tal-esperti l-oħra, tal-pulizija u saħansitra tal-Maġistrat Inkwirenti[25] fejn kienu jżommu l-eżebiti elevati u li fuqhom kellu jsir l-eżami forensiku. Illi allura ma hemm ebda indikazzjoni illi dawn l-esperti regolarment maħtura bħala esperti tal-informatika mill-Maġistrat Inkwirenti kienu b'xi mod kondizzjonati jew influwenzati fit-twettiq tal-inkarigu lilhom mogħti mill-pulizija maltija li kienu qed imexxu l-investigazzjonijiet bl-assistenza tal-esperti maħtura fl-*in genere*. Ghaldaqstant dawn it-tlett eċċezzjonijiet qed ikunu miċħuda.

Illi l-eċċezzjoni numru 21 hija fuq l-istess linja bħal dawn it-tlett eċċezzjonijiet appena ikkunsidrati, iżda jirreferu għall-esperti Ioannis Chatziantonio u Marius Van der Meij ukoll impjegati mall-Aġenzija *Europol*. Illi a skans ta' repetizzjoni l-Qorti tagħmel referenza għal konsiderazzjonijiet magħmula fir-rigward tal-eċċezzjonijiet bin-numri 17,18 u 19 u għall-istess motivi tqies li din l-eċċezzjoni ukoll ma jistħoqqilhiex akkoljiment. Illi jiġi ribadit illi id-difiza għandha dejjem id-dritt tikkontrolla l-kompetenza ta' dawn l-esperti u l-affidabbilita' ta'l-istess fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri sabiex b'hekk l-imħallfin tal-fatt fil-ġudizzju finali tagħhom jistgħu jagħzlu li jistrieħu jew jiskartaw il-konkluzjonijiet u l-fehmiet milħuqa minn dawn l-esperti.

**<u>L-eċċezzjoni numru 20</u>**

F'din l-eċċezzjoni l-akkużat isib oġġezzjoni għal dawk il-brani fix-xiehda mogħtija fl-Istruttorja tax-xhud Ioulia Thoma u tad-dokumenti minnha esebiti fejn din setgħet esprimiet opinjoni, u dan għaliex din ix-xhud impjegata mal-Aġenzija tal-*Europol*, qatt ma kienet maħtura bħala espert la mill-Qorti Istruttorja u lanqas fl-inkjesta maġisterjali.

Illi ghal darb'oħra il-Qorti trid bil-fors tiġbed l-attenzjoni tad-difiża kull meta tiġi ventilata oggezzjoni għal xiehda li hija traskritta ta' xhud li ddepona fl-Istruttorja, illi dan hu dokument li solitament ma jiġix imqassam lil ġurati fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, ħlief li tista' ssir referenza għal din ix-xiehda biss għal fini ta' kontroll. Dan għaliex kull xhud li ddepona fil-kumpilazzjoni huwa mistenni li jixhed mill-ġdid waqt il-ġuri. Hija x-xiehda li ser tinstema' fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri li għandha ikollha piż fuq id-deċiżjoni aħħarija tal-imħallfin tal-fatt. Illi għalhekk jinkombi fuq il-Qorti Kriminali li fl-istadju opportun tispjega lill-ġurati l-piż li għandha tingħata lix-xiehda u r-rilevanza ta'l-istess u dan skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali għar-rigward tal-apprezzament tal-provi.

[25] Ara xiehda Volum 20 pagna 7959

Dan maghdud jidher illi l-akkużat qed jitlob l-inammissibbilita' ta' dawk is-siltiet mix-xiehda ta' Ioulia Thoma fejn din setgħet esprimiet xi opinjoni u dan għaliex hija qatt ma ġiet maħtura bħala espert fl-*in genere* u għalhekk ix-xogħol kollu minnha magħmul għandu jiġi mwarrab.

Illi huwa fatt indisputat illi Ioulia Thoma li taħdem fl-Aġenzija tal-*Europol* qatt ma kienet maħtura bħala espert la mill-Maġistrat Inkwirenti u lanqas mill-Qorti. Illi mix-xiehda minnha mogħtija fl-Istruttorja fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2021[26] jirriżulta illi din ix-xhud hija impjegata bħala espert fil-forensika diġitali mal-Aġenzija *Europol* u li r-rwol tagħha fl-inkjesta kien li tirċevi fil-Kwartieri tal-*Europol* l-eżebiti forensiċi elevati fil-kors tal-investigazzjoni mill-esperti nominati fl-inkjesta. Tgħid fix-xiehda tagħha madanakollu li kienet mogħtija istruzzjonijiet sabiex tibda tagħmel eżami forensiku fuq dawn l-eżebiti mis-superjuri tagħha. L-eżebiti irċeviethom fit-22 ta' Novembru 2019 minn għand l-espert Sami Harmoinen. Dawn l-eżebiti kienu jikkonsistu f'żewġ *mobile phones*, bin-numri M00575241 u S00569809. Tgħid hekk fix-xiehda tagħha dwar ix-xogħol li għamlet fuq dan l-appart ċellulari:

> ***"Firstly I did partial extractions, I found the pass code of the exhibit, of one of the exhibit, and then I was trying to make the full extractions, and in a certain point they told me to stop and give the exhibit to another colleague."***

Minn hawn jidher li x-xhud ma komplietx tagħmel xogħol fuq dan l-eżebit u għaddietu lil kollega tagħha Giuseppe Totaro fuq struzzjonijiet tas-superjuri tagħha. Totaro fil-fatt kien maħtur bħala espert fl-inkjesta.Tgħid għalhekk illi x-xogħol fuq dawn l-eżebiti imbagħad sar fl-intier tiegħu minn Totaro. Illi allura minn din ix-xiehda ma jidhirx illi x-xhud għamlet xi xogħol forensiku fuq dawn l-eżebiti billi dawn saru mill-espert Giuseppe Totaro. Fi kwalunkwe każ, fl-eventwalita' li din ix-xhud tiddeponi fil-kors tal-ġuri hija għandha tixhed unikament fuq il-fatti lilha magħrufa u ma għandha tagħti ebda fehma jew opinjoni in konnessjoni ma' xi eżamijiet forensiċi li setgħu saru fuq dawn l-eżebiti. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tkun milqugħa fis-sens hawn fuq deċiż.

**L-eċċezzjoni numru 22, 23 u 24**

Illi f'dawn it-tlett eċċezzjonijiet l-akkużat qiegħed jitlob l-isfilza tad-Dokument IA9/2020 konsistenti f'*hard drive* eżebit fl-atti ta-inkjesta dwar allegat ħasil ta' flus minn Melvin Theuma redatta mill-Maġistrat Gabriella Vella u li hija eżebita in atti, u dan għal tlett motivi. Fl-ewwel lok, fil-fehma tiegħu, hija nieqsa il-katina tal-evidenza li allura jirrendi tali prova dokumentali inammissibbli. Jilmenta fit-tieni lok minn nuqqasijiet konsiderevoli u nkonsistenzi gravi fil-proċess li bih saru l-estrazzjonijiet misjuba f'dan id-Dokument, b'dan illi fil-fehma tiegħu l-integrita ta' din il-prova hija rrimedjabbilment kompromessa. Konsegwentment iqies illi kull prova li hemm fl-atti u li temani minn dan in-Dokument hija ukoll inammissibbli.

L-akkużat iqies l-evidenza kontenuta fil-*hard drive* immarkat bhala Dokument IA9/2020 bħala inkwinata fid-dawl ta' dak dikjarat mill-espert Keith Cutajar maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti Gabriella Vella fl-inkjesta *dwar hasil ta' flus evazjoni ta' taxxa u loghob minghajr permess minn Melvin Theuma fix-xhur u snin qabel u waqt Novembru, 2019*. Jistrieħ fuq is-segwenti bran mir-rapport tal-espert Cutajar:

> ***In the imaging and analysis logs ,there is a considerable amount of information missing, including proper examiner details, description case number, evidence number etc. this goes against international digital forensic guidelines, including the ACPO principle 3 which states that an audit trail should be properly kept This missing information challenges the authenticity of the chain of custody of such evidence analysed[27].***

Illi minn eżami ta'l-atti jirriżulta illi l-kontenut ta' din il-*hard drive* kien analiżżat mill-esperti tal-*Europol* u sussegwentement l-espert Keith Cutajar kien maħtur mill-Inkwirenti sabiex jagħmel 'l hekk imsejjaħ *forensic clone* ta'

[26] Kumpilazzjoni Volum 19 fol. 7310 et seq
[27] Fol 3347 tal-Inkjesta.

din il-*hard drive*. Illi l-konklużjonijiet indikati mill-akkużat huwa dak konstatat mill-espert Cutajar meta kien qed jagħmel dan l-eżerċizzju[28].

Illi qabel kull konsiderazzjoni oħra l-Qorti tirribadixxi illil hemm distinzjoni bejn l-ammissibbilta' ta' prova u l-valur probatorju ta'l-istess. Prova tista' titqies ammissibbli, iżda nieqsa minn valur probatorju għaliex b'xi mod din ma tkunx b'saħħitha biżżejjed sabiex min hu imsejjaħ biex jiġġudika jista' jistrieħ fuqha bħal kif jista' jirriżulta meta hemm difetti jew nuqqasijiet fil-katina tal-evidenza. L-akkużat f'dawn it-tlett eċċezzjonijiet minnu ventilati jilmenta illi l-katina tal-evidenza fil-mod kif dina l-prova kienet eżaminata mill-esperti li kellhom l-inkarigu li jagħmlu l-estrazzjonijiet hija miksura sabiex b'hekk il-prova hija inkwinata. Dan jirriżulta, fil-fehma tiegħu, mir-rapport tal-espert Keith Cutajar.

Issa l-Qorti ma tistax f'dan l-istadju tinoltra ruħha fil-manzjoni riservata f'idejn il-ġurija, u ċioe' dik li teżamina l-provi miġjuba quddiemha u tqies il-valur probatorju ta'l-istess. Dan għaliex jekk il-katina tal-evidenza hija nieqsa jew miksura  dan in-nuqqas jista' jirriżulta biss mill-provi li ser jinġiebu 'il quddiem  fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux qabel b'tali prova imbagħad titlef is-saħħa probatorja tagħha jekk jinstab li b'xi mod din ġiet inkwinata, u ċioe' jekk jirriżulta mill-provi illi dak allegat mill-espert Cutajar iwassal għal dubbju dwar il-kontenut ta'l-istess.

Magħdud dan, jirriżulta mir-rapport tal-espert Keith Cutajar illi dawn l-allegati inkonsistenzi fl-analiżi magħmula mill-esperti tal-*Europol* kienu minnu diskussi ma' dawn l-esperti fil-presenza tal-Maġistrat Inkwirenti f'laqgħa virtwali li kienet saret fit-13 ta' Jannar 2021 u wara din il-laqgħa, l-espert Cutajar għadda biex għamel l-analizi mill-ġdid ta' dan id-dokument. Illi għalhekk l-eżamijiet forensiċi magħmula mill-esperti tal-*Europol* reġgħu saru mill-espert Keith Cutajar li jikkonkludi hekk:

> **Dan il-karigu jinvolvi li ngħamel ri-analizi tal-hard drive esebit fl-atti ta' din l-lnkjesta bl-Esebit Nru. IA9/2020 u full extraction tad-data**

[28] Ara rapport ezebit fl-atti tal-inkjesta surriferita redatta ill-Magistrat Gabriella Vella a fol.3344

**kollha li tinsab f'tali hard drive u nirrelata bil-miktub f'dan ir-rapport**

Illi allura l-modalita' utilizżata mill-esperti sabiex jagħmlu l-analiżijiet tagħhom fuq l-eżebiti mgħoddija lilhom għandha temerġi unikament fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri. Dawn il-fatti probatorji u evidenzjarji jinġiebu a konjizzjoni tal-ġurati li imbagħad għandhom iqiesu jekk din il-prova hijiex wahda b'saħħitha biżżejjed u li fuqha jistgħu jistrieħu sabiex jasslu għal ġudizzju tagħhom, dan dejjem wara li jigu debitament iggwidati mill-Imhallef togat fir-rigward tar-regoli tal-evidenza. Dawn l-esperti huma kollha indikati bhala xhieda fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuża u allura ser jagħtu d-deposizzjoni tagħhom fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri dwar ix-xoghol minnhom magħmul, kif saru l-estrazzjonijiet, x'dettalji huma neqsin, x'*software* kien utilizżat minnhom u allura l-mod kif operaw sabiex sar dan l-eżerċizzju, u fuq kollox jekk jirriżultaw xi difetti li jwasslu għal kontaminazzjoni fl-evidenza miksuba, u dan anke fid-dawl tal-fatt illi l-eżerċizzju sar mill-ġdid mill-espert Cutajar. Hekk biss ikun jista' jiġi determinat jekk il-katina tal-evidenza hijiex mittiefsa, eżerċizzju li huwa mħolli unikament f'idejn l-Imħallfin tal-fatt u mhux fis-setgħa tal-Qorti f'dan l-istadju tal-proċeduri. Għal dawn il-motivi dawn l-eċċezzjonijiet qed jiġu miċħuda.

**<u>L-eċċezzjonijiet numru 25 u 26</u>**

Illi fiż-żewġ eċċezzjonijiet li jsewgu l-akkużat jissolleva l-inammissibbilita' bħala prova tad-dokument konsistenti fiċ-ċellulari li kien elevat mill-pussess tiegħu fil-kors tal-istħarriġ dwar l-*in genere* u li huwa miżmum ġewwa *evidence bag* numru M24128685 immarkat bin-numru tal-eżebit M00575241, kif ukoll tal-estrazzjonijiet, misjuba fid-dokumenti XYZ1 u XYZ2, li saru mill-istess ċellulari mill-esperti nominati fl-inkjesta, u dan għal żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok jikkontendi illi fir-rigward ta' dan l-eżebit il-katina tal-evidenza hija miksura jew difettuża, u fit-tieni lok għaliex l-kontenut ta'l-istess kien alterat mingħajr awtorizazzjoni minn Ioulia Thoma wara li dan iċ-ċellulari

kien mgħoddi lilha, għalkemm hija ma kenitx nominata bħala espert, sabiex b'hekk, fil-fehma tiegħu, l-integrita' tal-kontenut taċ-ċellulari ġie irrimedjabbilment kompromess. Jikkontendi inoltre illi fix-xiehda tal-Uffiċjal Prosekutur u Investigatur emerġa li wara li hu ġie arrestat lura fl-20 ta' Novembru 2019, l-investigaturi kellhom f'idejhom il-kontenut ta' dan iċ-ċellulari, sabiex b'hekk għalih huwa evidenti illi ma kenux biss l-esperti nominati fl-inkjesta li kellhom aċċess għal kontenut tiegħu.

Issa sabiex il-Qorti tasal biex tistabbilixxi il-validita' tal-prova magħmula minn dik l-evidenza jrid jiġi eżaminat l-*iter* li segwiet mill-mument illi dik il-prova indizzjarja titfaċċa fil-kors tal-investigazzjoni tal-pulizija, kif u minn min giet elevata, kif ġiet ippreservata u sussegwentement min għamel l-eżamijiet forensiċi fuqha u b'liema mod, sabiex fl-aħħar issib postha quddiem il-Qorti, provi li *del resto* iridu jemerġu waqt il-ġuri.

Illi minn eżami tal-atti kumpilatorji u dawk dwar l-*in genere*, jirriżulta illi b'digriet tal-21 ta' Novembru 2019, il-Maġistrat Inkwirenti laqa' it-talbiet kontenuti f'rikors datat 20 ta' Novembru 2019 u ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti fil-21 ta' Novembru 2019 mill-iSpettur Kurt Zahra għall-Kummissarju tal-Pulizija, biex b'hekk ġew maħtura Sami Harmoinen, Konstantinos Petrou, Israel Gordillo Torres u Giuseppe Totaro *"sabiex jelevaw u jagħmlu estrazzjoni tal-informazzjoni li tinsab fuq l-electronic devices li gew misjuba u elevati minn fuq kull proprjeta u/jew lokazzjoni li tappartjeni jew ghandu kontroll minnha Yorgen Fenech, detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 36482(M), inkluz id-dghajsa bl-isem ta' GIO li fuqha kien hemm l-imsemmi Yorgen Fenech dakinhar tal-20 ta' Novembru 2019."* Dawn l-esperti kienu diġa maħtura fl-inkjesta u dan b'digriet datat it-23 ta' Ottubru 2017, kif ingħad *supra*.

Illi permezz ta' rikors datat il-25 ta' Novembru 2019 l-Ispettur Kurt Zahra għan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija talab li l-esperti jkunu awtorizzati jittrasportaw xi eżebiti elevati in segwitu għad-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Novembru 2019, ġewwa l-Kwartieri tal-*Europol* bil-għan li jsiru l-

estrazzjonijiet minnu. Fost dawn id-*devices* kien hemm id-Dokument numru M00575241 mertu ta' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet, liema talba kienet milqugħa mill-Inkwirenti b'digriet mogħti fl-istess jum[29].

Illi jirriżulta illi dan id-dokument konsistenti fiċ-ċellulari tal-akkużat kien elevat u mgħoddi lill-espert Sami Harmoinen. Jidher li xogħol dan l-espert kien li jikkustodixxi dawn l-eżebiti elevati mill-investigaturi u mbagħad igħaddiehom lit-tlett esperti l-oħra Totaro, Gordillo Torres u Petrou. Issa fir-rigward ta' dan iċ-ċellulari igħid hekk:

> *" ... one of the phone was delivered to the Hague and I delivered it and that was the 22nd of November and this mobile phone, exhibit number, two (2) exhibit, M00575241, it was unsealed, iPhone XS Max and sim card. This was unsealed, because after this phone was delivered to me, I noticed and I got instructions that it was locked phone and it needs to be unlocked. At that time we did not have those kind of tools we could use on the spot here in Malta so it had to be delivered to our headquarters at The Hague. And another exhibit was sealed bag S00569809 iPhone XS and sim card which was also delivered to headquarters.*
>
> *.... These devices were given to me by Maltese authorities after they seize it from the boat*[30].
>
> *.... I deliver it to my colleague Ioulia Thoma* [31]*, she was waiting for me at the headquarters. I went there directly from the airport, I flew from Valletta to Amsterdam and from Amsterdam I took a taxi to The Hague and I went directly to headquarters and my colleague Ioulia Thoma received these exhibits*[32]*."*

Illi imbagħad Ioulia Thoma[33] fix-xiehda tagħha tikkonferma illi hija kienet ġiet mgħoddija dan l-eżebit minn għand il-kollega tagħha Harmoinen fit-22 ta' Novembru 2019 ġewwa il-kwartieri tal-*Europol* f'*The Hague*. Tgħid illi kienet irċeviet istruzzjonijiet minn għand is-superjuri tagħha sabiex tirċevi dan id-dokument, fost oħrajn, u tibda l-eżami forensiku fuqu. Tgħid hekk fuq ix-xogħol li għamlet fuq dan l-eżebit:

[29] Kumpilazzjoni Volume 25 pagna 6321 et seq.
[30] Ara Dokument eżebit a Volum 20 fol.7995 minn fejn jirriżulta illi l-eżebit kien mgħoddi lil Harmoinen minn PC 760 Chris Saliba fl-20 ta' Novembru 2019 fil-14:12 hrs.
[31] Ara Dokument eżebit Volum 20 fol. 7800 minn fejn jirriżulta illi Harmoinen għadda l-eżebit lil Ioulia Thoma u dan fit-22 ta' Novembru 2019 fil-22:30hrs
[32] Xiehda tinsab fil-kumpilazzjoni Volum 20 fol 7955 et seq.
[33] Xiehda ta' Ioulia Thoma tinsab fil-kumpilazzjoni Volum 19 fol. 7310 et seq.

***"As soon as I received the exhibit I transfer the exhibit to our farady room because I was not aware if the exhibit was set on flight mode, and we would like to protect the exhibit to preserve its integrity actually ..... so I plug it for charging because this specific phone came to me alive .... Firstly I start with the partial extractions, immediately I start the unblocking process. .... then I find the password nine (9) of January two thousand twenty (2020) ... and then I was trying to make the full extractions and in a certain point they told me to stop and give the exhibits to another colleague. .... I took the items from the farady room unsealed, with the sim card outside of this mobile device, and I handed over to Giuseppe Totaro.***

Tgħid ukoll ix-xhud illi x-xogħol kollu tal-estrazzjonijiet mill-bidunett sar mill-espert Totaro u mhux minnha. Tisħaq illi hija għaddiet l-eżebiti lil Totaro għaliex infurmawha li hija ma kenitx inkluża fid-digriet tan-nomina mill-Maġistrat Inkwirenti. Tikkonferma illi fiż-żmien li l-eżebit kien taħt il-kustodja tagħha fl-ebda mument ma inħareġ mill-*faraday room*. Illi imbagħad Giuseppe Totaro jixhed illi Thoma għaddietlu dan l-eżebit fis-26 ta' Ottubru 2020 u wara sar ix-xogħol ta' estrazzjoni minnu.

Illi l-Qorti traċċat l-*iter* ta' dan l-eżebit mill-mument li kien elevat sakemm sar ix-xogħol tal-estrazzjoni fuqu għar-raġuni illi l-akkużat qiegħed jilmenta illi l-katina tal-evidenza kienet miksura u wkoll illi il-kontenut tiegħu ġie ikkontaminat meta sar xogħol mhux awtorizzat fuqu minn persuna li ma kenitx espert maħtura mill-Inkwirenti u meta rriżulta illi kien hemm diversi persuni oħra li setgħu kellhom aċċess għal dan iċ-ċellulari. Jelenka is-segwenti nuqqasijiet li fil-fehma tiegħu jirrendu din il-prova inammisibbli:

i. **"Is-Sinjura Thoma tghid li kienet qed tercievi struzzjonijiet dwar l-esebit minn ghand is-superjuri taghha, persuni injoti ghal dan il-process;**
ii. **L-evidence bag hija niesqa minn dettalji mehtiega ghal integrita tal-esebit. Per ezempju, il-firma ta' min eleva l-mobile phone u lil min gie ikkunsinnat;**
iii. **Il-mobile phone ma giex isolat** *'from receiving signals from a network to avoid changes being made to the data it contains. For example, it is possible to wipe certain devices remotely and powering the device off will prevent this.'*
iv. **Rapprezentanta tal-Melita p.l.c (folio 4959 et seq tal-atti) kkonfermat li fis-sena 2020 saru mill-inqas zewgt telefonati mill-mobile phone tal-eccipjent. Liema mobile phone, skond**

**Ioulia Thoma, suppost kien gewwa Faraday room u izolat min-network;**

v. **Il-mobile phone baqa jirregistra *location data* ghal perjodu twil ta' zmien wara li gie elevat. Dan huwa indikattiv li ma giex mitfi jew isolat minn networks kif maghdud f'punt (iii).**

vi. **Ghamel perjodu twil ta' zmien gewwa kamra f'the Hague liema kamra kellu access ghaliha 1-impjegati kollha tad-dipartiment (mhux esperti tal-Qorti) (folio 7804 tal-atti).**

vii. **L-*evidence bag* li fih gie elevat il-*mobile phone* tidher imbaghbsa. Fiha tidher ticrita li minnha jista' jinhareg 1-esebit Liema ticrita ma jirrizultax min ghamila u ghaliex."**

Illi mingħajr ma tinoltra ruħha fl-evalwazzjoni tal-provi, il-Qorti għal darb'oħra tirribadixxi illi dak allegat mill-akkużat jista' jemerġi biss mill-provi li ser jinstemgħu fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri meta jiddeponu l-investigaturi, l-esperti nominati f'dan l-istħarriġ u ukoll x-xhud Ioulia Thoma li tista' tagħti rendikont tax-xogħol li sar minnha u jekk dan ix-xogħol setax b'xi mod inkwina l-kontenut taċ-ċellulari sabiex b'hekk l-estrazzjonijiet li saru u l-informazzjoni hemmhekk kontenuta ġiet kontaminata jew alterata. Illi l-akkużat jagħmel referenza fis-sottomissjonijiet tiegħu għal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sede inferjuri tagħha, li ma tistax tiġi ekwiparata mal-każ in diżamina u dan għaliex hemmhekk il-Qorti kienet qed tagħmel apprezzament finali tal-provi, eżerċizzju li din il-Qorti f'dan l-istadju hija prekluża milli tagħmel billi, jerġa' jingħad, l-evalwazzjoni tal-evidenza trid issir unikament mill-ġurija. Dan għaliex huwa indubitat illi l-prova li trid ssir permezz tal-estrazzjonijiet meħuda miċ-ċellulari tal-akkużat hija prova rilevanti għal "*facts in issue*". Prova għalhekk li ma tistax titwarrab a prijoristikament mingħajr ma titqies l-evidenza li l-Prosekuzzjoni ser iġġib 'il quddiem fir-rigward, u allura għalkemm jistgħu jirriżultaw in-nuqqasijiet lamentati, xortawaħda trid ssir il-prova li l-kontenut tiegħu ma ġiex alterat jew kontaminat. Jekk imbagħad ikun hemm xi dubbju dwar l-istess, u ċioe' dwar il-veraċita u l-awtentiċita' ta' din il-prova, allura dan id-dubbju ċertament jimmilita favur l-akkużat, u din hija d-direzzjoni li l-ġurija għandha tkun mogħtija jekk mill-provi jirriżulta illi l-valur probatorju ta' din l-evidenza tkun fjakka għaliex ġiet mittiefsa.

Għaldaqstant għal dawn il-motivi anke dawn l-eċċezzjonijiet qed jiġu miċħuda.

**<u>L-eċċezzjonijiet numru 27 u 28</u>**

L-akkużat iqies ukoll illi dik il-parti tax-xiehda tax-xhud Matthew Caruana Galizia fejn dan seta' esprima xi opinjoni fuq il-każ mhux ibbażata fuq fatti ppruvati hija inammissibbli. Iqies ukoll bħala inammissibbli jew irrilevanti dawk is-siltiet mid-deposizzjoni ta' dan ix-xhud fejn saret referenza għal każ kriminali li allegatament kellu l-akkużat barra minn Malta meta nstab fil-pussess ta' droga.

Illi fuq dawn l-ilmenti l-Avukat Ġenerali jikkonċedi li ix-xhud Caruana Galizia, meta huwa jerga' jiddeponi fil-ġuri, m'għandux jesprimi ebda fehma jew opinjoni billi din il-manzjoni hija riposta unikament f'idejn l-esperti tal-Qorti, u ukoll illi ma għandu jsir ebda referenza minn dan ix-xhud għal xi anteċedenti penali tal-akkużat anke jekk fl-esteru, għalkemm jisħaq illi kien l-akkużat stess li eżebixxa dokumentazzjoni li tindika illli huwa kien afflitt minn problema tal-vizzju tad-droga u li kien inqabad fil-pussess tad-droga waqt li kien barra minn Malta.

Illi fir-rigward ta' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet il-Qorti tagħmel referenza għal konsiderazzjonijiet diġa' minnha magħmula in konnessjoni ma' eċċezzjonijiet preċedenti fejn l-akkużat issolleva l-inammissibilita' ta' xi evidenza fejn xhud ordinarju seta' esprima xi fehma jew opinjoni. Tirribadixxi illi x-xhud Matthew Caruana Galizia huwa xhud indikat mill-Prosekuzzjoni u kwindi ser jerġa' jiddeponi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri bid-deposizzjoni traskritta li tinsab fl-atti kumpilatorji ma tkunx murija lil ġurati. Magħdud dan, madanakollu huwa indubitat illi xhud ordinarju ma huwiex xhud kompetenti biex jesprimi fehma jew opinjoni iżda d-deposizzjoni tiegħu trid tkun waħda ċirkoskritta għal fatti u xejn iżjed. Inoltre lill-ebda xhud ma għandu jkun mqiegħed xi mistoqsija li x'aktarx turi li l-akkużat jkun ikkommetta, jew

instab ħati, jew ikun ġie akkużat b'xi reat kriminali. Kif lanqas għandu jkun mistoqsi l-akkużat innifsu mistoqsijiet dwar l-anteċedenti penali tiegħu. Dan fl-ispirtu ta' dak li jipprovdi l-artikolu 459A tal-Kodiċi Kriminali u fil-parametri stabbiliti fl-imsemmija disposizzjoni tal-liġi.

Ghal dawn il-motivi dawn l-eċċezzjonijiet qed jiġu miċħuda b'direzzjoni lil Prosekuzzjoni li ma għandiex tqiegħed ebda mistqosija lix-xhud, in linja ma' dak hawn fuq deċiż.

**L-Eċċezzjoni numru 29**

L-akkużat isib oġġezzjoni għal numru ta' xhieda indikati mill-Avukat Ġenerali fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuża billi jikkontendi illi dawn ix-xiehda la xehdu matul l-Istruttorja u lanqas fil-kors tal-inkjesta maġisterjali. Jindika is-segwenti xhieda:

Graham Cassar Bonaci.
Ioannis Chatziantoniou
Gordon Cutajar.
Lara Garcia.
Randle Gili.
Abigail Grech.
Margarita Loucis.
Daniel Fernandes Malheiro.
Karl Micallef
Kristian Mintoff
Sean Pace
Timothy Zammit
Marinus Van der Meij.

Jikkontendi illi l-Avukat Ġenerali ma indikax l-iskop ta' dawn ix-xhieda u kwindi ma huwiex fil-posizzjoni jindika jekk dawn humiex ammissibbli u/jew rilevanti għal każ.

Illi permezz ta' nota ippreżentata fis-07 ta' Marzu 2022, l-akkużat irtira din l-eċċezzjoni fil-konfront tax-xhieda Graham Cassar Bonaci, Lara Garcia, Randle Gili, Abigail Grech, Magarita Loucis, Daniel Fernandes Malheiro u Kristian

Mintoff. Illi x-xhieda rimanenti u li dwarhom l-akkużat għadu qed isib oġġezzjoni huma kollha esperti nominati fil-kors tal-*in genere*, u ċioe':

Ix-xhud loannis Chatziantoniou (nomina a fol. 6543 tal-inkjesta)

Ix-xhud Karl Micallef (nomina a fol.6527 tal -inkjesta)

Ix-xhud Sean Pace (nomina a fol. 6527 tal-inkjesta)

Ix-xhud Timothy Zammit (nomina a fol. 6543 tal-inkjesta)

lx-xhud Marinus Van der Meij (nomina a fol.1043 tal -inkjesta)

Jirriżulta mill-atti tal-inkjesta illi in segwitu għall-arrest tal-akkużat huwa wera x-xewqa li jitlob għall-maħfra presidenzjali fit-termini ta'l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni. Wara l-arrest tiegħu l-akkużat ingħata il-*police bail,* iżda sar magħruf lil pulizija li waqt li kien fir-residenza tiegħu ġewwa Portomaso mar iżuru ċertu Dr. Adrian Vella li għaddielu xi dokumenti mibgħuta lilu minn għand Keith Schembri, dan Schembri indikat mill-akkużat, fid-dikjarazzjonijiet li ttieħdu in konnessjoni mal-proklama, li seta' kien involut fil-qtil. Illi l-investigaturi ħassew il-ħtieġa li jsir eżami forensiku fuq dawn id-dokumenti fosthom eżami għall-impronti diġitali. Għal dan il-għan l-Inkwirenti ħatar diversi esperti u ċioe' lil PC910 Sean Pace, lil PC 844 Karl Micallef, lil Dr.Marisa Cassar, lis-Spettur Timothy Zammit u lil Ioannis Chatziantoniou u dan b'żewġ digrieti datati 2 ta' Diċembru 2019 u 8 ta' Jannar 2020. Jidher illi meta ingħalqet l-inkjesta dawn l-esperti ma kenux għadhom laħħqu jiddeponu u jippreżentaw ir-rapporti tagħhom.

Illi fir-rigward tal-espert Martin Van Der Meij, dan kien maħtur mill-Inkwirenti fl-01 ta' Marzu 2018 *'sabiex jeżamina il-cloned mobile phone tal-vittma, u joħroġ data rilevanti għall-investigazzjoni.'* Illi dan jirreferi għal kopja li saret taċ-ċellulari distrutt tal-vittma mill-espert Dr. Martin Bajada, liema prova madanakollu ma kenitx imressqa finalment quddiem il-Qorti Istruttorja u bl-esperti, sal-mument illi l-inkjesta kienet ingħalqet fil-konfront tal-akkużat, kienu għadhom ma ippreżentawx ir-relazzjoni tagħhom. Illi allura lanqas din il-prova ma ġiet ippreservata fl-atti kumpilatorji.

L-Avukat Ġenerali jilqa' għal din l-eċċezzjoni billi jikkontendi illi fl-ispirtu ta' dak li jipprovdi l-artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali, li jeżenta lill-esperti u l-periti li dehru għall-aċċess u/jew li jkunu ddeponew fl-inkjesta milli jerġgħu jinġiebu biex jixhdu fil-kumpilazzjoni, xejn ma jżomm lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lil dawn ix-xhieda jiddeponu direttament waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, oltre is-setgħa residwa u dejjiema li għandha il-Qorti Kriminali fit-termini ta'l-artikolu 440(5) tal-Kodiċi Kriminali li tordna li jissejjaħ xhud jew jiġi mqiegħed taħt għajnejha dokument jekk hemm il-ħtieġa li isir dan fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Jisħaq illi fuq kollox l-artikolu 436(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali jagħti is-setgħa lill-Qorti li fid-diskrezzjoni tagħha tagħmel dak li hu meħtieġ għat-tikxif tal-verita'.

Illi l-Qorti ma tistax taqbel għal kollox mal-argumenti imressqa 'il quddiem mill-Avukat Ġenerali. Illi l-artikolu 390 tal-Kodiċi Kriminali jiddelinja l-funżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti tal-istruzzjoni meta hemm dispost illi fl-ewwel lok dik il-qorti għandha '*tisma' l-akkużi moqrija mill-Avukat Ġenerali jew mill-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva u r-rapport bil-ġurament tal-uffiċjal tal-Pulizija, għandha teżamina, bla ġurament lill-imputat, u għandha tisma' l-provi li jinġiebu biex isaħħu l-akkużi moqrija.*' Wara li jsir dan, imbagħad il-qorti għandha tiddeċiedi jekk minn din l-evidenza jistax l-imputat jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża. Jekk jingħata id-digriet hekk imsejjaħ tal-*prima facie*, allura l-atti jiġu rinvijati lil Avukat Ġenerali li għalkemm jista' jaqbel mad-deċizjoni tal-Qorti Istruttorja, madanakollu qabel ma joħroġ l-Att t'Akkuża jista' jitlob lil dik il-Qorti sabiex tisma' provi oħra biex isaħħaħ l-akkużi. Din it-talba tista' ssir ukoll mill-imputat[34]. Jekk imbagħad l-Avukat Ġenerali ikun laħaq ħareġ l-Att ta'l-Akkuża u tqum il-ħtieġa li jinstemgħu xhieda ġodda, kemm minn naħa tal-istess Avukat Ġenerali kif ukoll mill-akkużat, il-Qorti Kriminali ma tistax tisma' ix-xhieda hija stess, u dan qabel ma jkun kompost il-ġuri, iżda trid tordna lir-Reġistratur jibgħat l-atti lura lil Qorti Istruttorja sabiex dawn il-provi ikunu hemmhekk ikkumpilati.

---

[34] Artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali

Dan għaliex l-għan wara l-Istruttorja huwa li jiġu kkumpilati il-provi kollha li ser jinġiebu matul il-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u dan sabiex l-akkużat ikun jaf preventivament x'inhuma dawk il-provi li ser jinġiebu kemm kontra tiegħu kif ukoll favur tiegħu bil-għan illi jkollu żmien biżżejjed biex iħejji id-difiża tiegħu. L-istruzzjoni tal-atti għandha ssir quddiem il-Qorti Istruttorja u mhux minn din il-Qorti waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, kif donnu qed jippretendi l-Avukat Ġenerali, għaliex altrimenti jonqos l-iskop tal-Istruttorja jekk il-Prosekuzzjoni tista' tressaq ix-xhieda matul il-ġuri mingħajr mal-provi jiġu kkumpilati billi sempliċement jindikahom fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuża. Illi l-artikolu 406 tal-Kodiċi Kriminali huwa ċar meta jipprovdi illi jekk l-Avukat Ġenerali jew l-akkużat iridu jisimgħu xhieda ġodda u allura dawk ix-xhieda li ma jkunux xehdu fil-kumpilazzjoni, din il-Qorti trid tirrinvija l-atti quddiem il-Qorti Istruttorja għal dan il-għan. Ma jistax l-Avukat Ġenerali jonqos milli jara illi jiġu kkumpilati l-provi kollha li bi ħsiebu itella' matul il-ġuri, jekk dawn il-provi jkun jista' itellagħhom fil-kors tal-Istruttorja, imbagħad jippretendi li dawn jinstemgħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, jekk ikun iddeċieda joħroġ l-Att ta'l-Akkuża qabel l-atti jkunu ġew sewwa istruwiti.

Dan magħdud, madanakollu fir-rigward ta' dawk ix-xhieda li l-akkuzat qiegħed isib oġġezzjoni għalihom u li huma esperti nominati fl-*in genere* l-artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi hekk:

> **(1) Il-proċess verbal magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża u x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess <u>jew</u> xehdu matul l-inkjesta Maġisterjali ma jistgħux jinġiebu biex jagħtu xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja matul il-kumpilazzjoni.**
>
> **(2) Madankollu matul iż-żmien għall-egħluq tal-kumpilazzjoni msemmi fl-artikolu 401(1) sal-mument li l-qorti tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża kif imsemmi fl-artikolu 401(2), l-Avukat Ġenerali jew il-Pulizija tkun tista' ġġib, bil-permess speċjali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja, lil kull waħda mill-persuni msemmija fis-subartikolu (1) biex tagħti xiehda fil-kumpilazzjoni quddiem dik l-istess qorti fuq materji speċifiċi debitament imsemmija minn dik il-qorti fil-permess speċjali tagħha; b'dan li wara l-egħluq tal-kumpilazzjoni skont l-artikolu 402(1) u**

**wara li l-qorti tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża kif imsemmi fl-artikolu 401(2), l-Avukat Ġenerali jkun jista' jġib lil kull min irid minn dawk il-persuni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 405 sabiex iwieġbu għal materji speċifiċi indikati mill-Avukat Ġenerali fit-talba bil-miktub tiegħu. Il-persuna mixlija tkun tista' wkoll iġġib lil kull min trid minn dawk il-persuni bil-għan li jsirilha kontro-eżami.**

**(3) Il-qorti għandha wkoll is-setgħa li tordna, għall-istess effett, li jinġieb kull wieħed mill-periti jew mix-xhieda l-oħra li mill-proċess verbal ikun jidher li ġie mismugħ fl-aċċess; u, għaldaqshekk, dan il-perit jew xhud għandu, fil-każijiet kollha ta'kompetenza tal-Qorti Kriminali, jiġi mdaħħal fil-lista tax-xhieda tal-Avukat Ġenerali, sabiex jiġi mismugħ, jekk ikun hemm bżonn.**

**(4) Iżda, id-dokumenti kollha u oġġetti materjali oħra li fuqhom ikun sar proċess verbal, u li jkunu jistgħu jintrefgħu u jinġiebu bla tfixkil, għandhom dejjem jinġiebu fil-kawża, flimkien mal-proċess verbal.**

**(5) Il-proċess verbal għandu jitqies li jkun magħmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-maġistrat inkwirenti**

Dan ifisser illi kull espert jew perit li hemm indikat fil-*process verbal* li jkun deher fl-aċċess jew inkjesta jista' jinġieb biex jixhed fil-ġuri u ma hux meħtieġ għall-Avukat Ġenerali li jressaq lil dawn l-esperti jew periti biex jixhdu fil-kumpilazzjoni. Bis-subartikolu (3) jindika illi kull wieħed minn dawn il-periti jista' jiġi mdaħħal fil-Lista tax-Xhieda tal-Avukat Ġenerali biex jiġi mismugħ jekk hemm bżonn. Issa fil-każ taħt il-lenti tal-Qorti jirriżulta illi fil-mument li l-*process verbal* ingħalaq mill-Inkwirenti dawn il-periti ma kenux mismugħa mill-Inkwirenti u l-konkluzjonijiet minnhom raġġunti ma humiex inseriti fl-atti la ta'l-inkjesta u lanqas kumpilatorji. B'dana kollu ma jfissirx illi dawn huma xhieda inammissibbli kif qed jippretendi l-akkużat. Madanakollu l-Qorti tqies illi jkun fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja illi dawn l-esperti jiddeponu qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u dan b'rispett lejn id-dritt tal-akkużat li jkun jaf x'inhuma l-provi li ser jinġiebu fil-kors tal-ġuri biex b'hekk ikun jista' iħejji id-difiża tiegħu u għaldaqstant il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat l-atti

kumpilatorji lura lil Qorti Istruttorja bil-għan li jinstemgħu ix-xhieda PC910 Sean Pace, PC 844 Karl Micallef, lis-Spettur Timothy Zammit, Ioannis Chatziantoniou u Gordon Cutajar liema xhieda huma ndikati mill-Avukat Ġenerali fil-Lista tax-Xhieda tiegħu u dan bis-setgħa mogħtija lil din il-Qorti fl-artikolu 436(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali abbinat mal-artikolu 406.

Għal dawn il-motivi din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda b'riserva li jsir dak ordnat mill-Qorti wara li s-sentenza tgħaddi in ġudikat.

**L-eċċezzjoni numru 30**

Illi similment għall-eċċezzjoni preċedenti l-akkużat jelenka lista ta' xhieda indikati mill-Avukat Ġenerali fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att t'Akkuża, liema xhieda jikkontendi xehdu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, iżda mhux quddiem il-Qorti Istruttorja u dan għar-raġuni illi huwa ma kellux l-opportunita' jagħmel il-kontro-eżami ta' dawn ix-xhieda, għaliex għalkemm talab li jagħmel dan quddiem il-Qorti Istruttorja b'diversi rikorsi, madanakollu kien prekluż milli jagħmel dan meta l-Avukat Ġenerali għoġbu joħroġ l-Att ta'l-Akkuża. Permezz ta' nota ippreżentata fit-03 ta' Marzu 2022, l-akkużat irtira din l-eċċezzjoni limitatament fil-konfront tax-xhieda Keith Cutajar u Dr. Martin Bajada, it-tnejn li huma esperti nominati fl-*in genere*.

Illi a skans ta' repetizzjoni il-Qorti tagħmel referenza għal dak dispost fl-artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali hawn fuq iċċitat u għal konsiderazzjonijiet hemmhekk magħmula u dan fir-rigward ta' dawk ix-xhieda li huma esperti nominati fl-*in genere*. Illi in linea ġenerali, imbagħad, jingħad għal darb'oħra illi bil-fatt li l-akkużat ma għamilx il-kontro-eżami ta' dawn ix-xhieda matul l-Istruttorja ma jirrendiex il-prova li l-Avukat Ġenerali qed ifittex illi jagħmel permezz ta' dawn ix-xhieda bħala waħda inammissibbli. Issa jekk bil-fatt illi l-akkużat kien prekluż milli jagħmel kontro-eżami lil dawn ix-xhieda matul il-kumpilazzjoni jistax iwassal għal leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigh xieraq ma jistax jkun determinat minn din il-Qorti billi hija ma għandiex il-

kompetenza tagħmel tali stħarriġ, u fuq kollox dan il-fatt jista' jkun determinat biss wara li jiġi fi tmiemu il-proċess ġudizzjarju fil-konfront ta'l-appellant. Zgur mhux forsi, iżda, in-nuqqas tal-kontro-eżami ta' dawn ix-xhieda fi stadju kumpilatorju ma jirrendiex tali prova, u ċioe' din ix-xiehda traskritta ta' dawn ix-xhieda indikati fl-eċċezzjoni, bħala inammissibbli wkoll għaliex dawn ix-xhieda ser jiddeponu mill-ġdid fil-ġuri u hija dik ix-xiehda li għandha tittieħed in konsiderazzjoni u għandha ikollha piż fid-deliberazzjoni finali tal-gurija u fid-deċizjoni aħħarija tagħhom u dan wara li l-Qorti Kriminali li fl-istadju opportun tispjega lill-ġurati l-piż li għandha tingħata lix-xiehda u r-rilevanza ta'l-istess u dan skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali għar-rigward tal-apprezzament tal-provi.

> **"Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l- ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużati fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skond il-liġi[35]."**

Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda.

**<u>L-eċċezzjoni numru 31</u>**

Illi f' din l-eċċezzjoni l-akkużat jeċepixxi:

> **'L-inammissibilita' jew l-irrelevanza manifesta ta' kwalsiasi evidenza intiza sabiex tipprova karattru hazin ta' l-eccipjent, kemm evidenza dwar kawzi pendenti kif ukoll evidenza fejn m'hemmx kawzi pendenti, u li ma jkollha ebda konnessjoni mal-fatti tal-kaz in kwantu l-iskop ta' tali provi huma li jirrekaw pregudizzju ingust u li jitfghu dell ikrah fuqu.'**

Illi huwa indubitat illi salv għal dak li jipprovdi l-artikolu 459A tal-Kodiċi Kriminali, waqt il-guri m'ghandhomx jissemmew l-anteċedenti penali ta'l-

persuna akkużata kif lanqas għandha issir referenza għal karattru ħażin tiegħu jew xi każijiet li huwa seta' kellu jew għandu pendenti fil-konfront tiegħu, u l-Imħallef togat għandu jagħti direzzjoni f'dan is-sens matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Dan huwa konċess mill-Avukat Ġenerali stess fis-sottomissjonijiet minnu magħmula.

Dan magħdud madanakollu l-akkużat jonqos milli jindika liema evidenza miġjuba 'il quddiem fl-Istruttorja hija inammissibbli għal dan il-motiv, b'din il-Qorti ċertament mhijiex mistennija hija stess tasal biex tiddetermina liema parti mill-evidenza kumpilata piuttost voluminuża l-akkużat qed isib oġġezzjoni għaliha f'din l-eċċezzjoni. Ghal dawn il-motivi, salv dak deċiż, din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

**<u>L-eċċezzjoni numru 32</u>**

Igħid hekk l-akkużat f'din l-eċċezzjoni minnu ventilata:

> **'L-inammissibilita' ta'** ***Excel Sheets*** **(ipprezentati minn Graziella Attard u mmarkati bhala Dok GA u GA1 u kif ukoll dawk misjuba gewwa Dok AC ipprezentat minn l-espert Alvin Cardona) in kwantu l-awtur huwa injot bil-konsegwenza, inter alia, li l-veracita' tal-kontenut taghhom ma tistax tigi kontrollata u/jew verifikata.'**

Illi b'digriet tal-Qorti Istruttorja tas-27 ta' Jannar 2020, l-espert Alvin Cardona kien maħtur sabiex issir vera kopja tal-informazzjoni diġitali li ġiet estratta mill-eżebiti immarkati bħala S01486656, SC00017787, SC00017788, SC00017789, SC00017790, SC00017791, SC00017792, SC00017793 liema informazzjoni diġitali ġiet estratta mill-Uffiċjali tal-*Europol* li ġew maħtura bħala esperti fl-inkjesta maġisterjali immexxija mill-Maġistrat Gabriella Vella in konnessjoni max-xhud Melvin Theuma u li kienu eżebiti fl-imsemmija inkjesta. Kien maħtur ukoll sabiex jagħmel kopja bil-kulur ta' sett ta' tmien ritratti mmarkati bħala Dokumenti A1 sa A8, u oħrajn immarkati bħala Dokumenti B1 sa B15, eżebiti ukoll fl-imsemmija inkjesta. Eżebixxa ukoll *hard drive* li fih ġabar il-kontenut ta' dan il-materjal li kien eżebit fl-imsemmija

[35] Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella et. App.Sup. 07/07/2015

inkjesta. Din il-*hard drive* hija eżebita bħala Dokument AC[36]. Illi imbaghad fis-seduta tat-08 ta' Ġunju 2020 quddiem il-Qorti Istruttorja, dik il-Qorti ordnat li jiġu stampati mid-Deputat Reġistratur Graziella Attard, d-dokumenti kontenuti fil-folders SC00017787 u SC00017793 fid-Dokument AC, liema dokumenti stampati kellhom jiġu inseriti fl-atti.[37] Illi fil-fatt *seduta stante* id-Deputat Reġistratur, fuq ordni tal-Qorti, stampat dawn id-dokumenti u eżebiethom bħala Dokumenti GA u GA1. Dawn id-dokumenti huma *print-out* ta' messaggi jew sms*es* u ukoll traskrizzjoni ta' konversazzjoni telefonika.

Issa l-akkużat iqies dawn id-dokumenti inammissibblli billi jqies illi l-awtur tagħhom huwa injot u mhux magħruf. Illi ibda biex dawn id-dokumenti li l-akkużat qiegħed isib oġġezzjoni għalihom huma kopja ta' dokumenti li kienu eżebiti fl-atti ta' inkjesta maġisterjali redatta mill-Magistrat Gabriella Vella, liema inkjesta tinsab eżebita fl-atti ta' din il-kawza u hija annessa mal-Att ta'l-Akkuża. Illi fuq kollox il-prova dwar min hu l-awtur jew l-awturi ta' dawn id-dokumenti tista' temerġi biss waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, b'dan għalhekk illi jekk ma jistax ikun stabbilit min hu l-awtur tagħhom, u ċioe' min huma l-persuni li qed jiskambjaw il-messaggi jew inkella liema huma l-persuni nvoluti fil-konversazzjoni traskritta, allura din il-prova titlef il-valur probatorju tagħha billi jerġa' jingħad kull dubbju jmur favur l-akkużat, u l-ġurija hekk ser tkun diretta li tagħmel mill-Imħallef togat. Illi għalhekk zġur illi f'dan l-stadju tal-proċeduri l-Qorti ma tistax twarrab evidenza li tista' tkun rilevanti u li l-valur probatorju tagħha għad irid jiġi determinat fis-smigħ tal-provi waqt il-ġuri.

Għal dawn il-motivi din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda.

**<u>L-eċċezzjoni numru 33</u>**

Illi bl-istess argument imqajjem fl-eċċezzjoni preċedenti, l-akkużat iqanqal *'l-inammissibilita' ta' ritratt misjub fil-mobile phone tal-eccipjent li, fuq domanda*

[36] Ara xhieda u rapport tal-espert Alvin Cardona Volum 1 tal-atti kumpilatorji a fols. 365 et seq.
[37] Verbal Volum 5 a fol. 1608

*diretta tal-parte civile, ghamel referenza ghalih s-Supretendent Keith Amaud fix-xiehda tieghu a folio 5237 et seq (ipprezentat minn Giuseppe Totaro gewwa evidence bag M24128685 u mmarkat bl -exhibit number M00575241 u 1-estrazzjoni tieghu misjuba fDok XYZ 1 u XYZ 2 ipprezentata konguntivament minn Konstantinos Petrou, Israel Gordillo Torres u Giuseppe Totaro) in kwantu l-awtur huwa injot bil-konsegwenza, inter alia, li l-veracita' tal-kontenut tieghu ma tistax tigi kontrollata u/jew verifikata'.*

Illi dan id-dokument jirrieferi għal ritratt li nstab fiċ-ċellulari appartenenti lill-akkużat, li kien estratt minnu fost *data* voluminuza kontenuta f'dan iċ-ċellulari. F'dan ir-ritratt jiffiguraw numru ta' nies fosthom tlett persuni li kienu mixlija ukoll bil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, u nies oħra magħrufa mal-pulizija bid-dettalji personali ta'l-istess. Illi l-Qorti ċertament ma tistax tqies tali ritratt bħala prova inammissibbli f'dan l-istadju tal-proċeduri billi jerġa' jiġi ribadit, il-prova dwar l-istess tista' ssir biss fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri meta għandu jkun stabbilit kif dan ir-ritratt sab ruħu fiċ-ċellulari tal-akkużat u fin-nuqqas illi ssir din il-prova jew inkella fin-nuqqas illi l-awtur tar-ritratt jista' jkun stabbilit, din il-prova imbgħad tkun waħda inattendibbli bil-gurija tigi diretta tiskarta l-istess.

Jerga' jigi ribadit illi huwa l-Imhallef togat illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-guri, wara li jkunu nstemgħu x-xiehda kollha kemm dawk imressqa 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll mid-difiża, jagħti d-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar x'provi huma għandhom iqiesu meta jiġu għad-deliberazzjoni finali, u cioe' billi jiġi lilhom indikat liema huma dawk il-provi magħmula skont il-liġi u dawk li mhumiex u għalhekk għandhom jiġu minnhom imwarrba.

Għal dawn il-motivi din l-eċċezzjoni qed tiġi ukoll miċħuda.

**<u>L-eċċezzjoni numru 34</u>**

Illi l-erba' u tletin eċċezzjoni imqanqla mill-akkużat titratta l-inammissibilita' tad-dokumenti eżebiti bħala Dok. KAXX1, Dok. KAXX2 u Dok. KAXX3 mis-Supretendent Keith Arnaud waqt ix-xiehda tieghu ta' nhar il-9 t'Awwissu 2021. Dan għaliex l-akkużat jikkontendi illi d-dokumenti ippreżentati ma humiex fl-original tagħhom, l-awtur ta' dawn id-dokumenti huwa injot u finalment għaliex il-persuni li jissemmew fuq id-dokumenti ma tressqux bħala xhieda mill-Prosekuzzjoni sabiex jikkonfermaw l-kontenut ta'l-imsemmija dokumenti. Dawn in-nies lanqas ma huma ndikati mill-Avukat Ġenerali fil-Lista tax-Xhieda biex b'hekk l-veracita' tal-kontenut ta' dawn l-eżebiti qatt ma tista' tkun verifikata, bid-difiża għalhekk ma tista' qatt teżerċita kontroll fuqhom.

Illi mix-xiehda tas-Supretendent Keith Arnaud tad-09 ta' Awwissu 2021[38], jirriżulta illi dawn it-tlett dokumenti eżebiti minnu bħala Dokumenti KAXX1, KAXX2, u KAXX3 kienu ġew elevati minn PC179 Clayton Gatt fis-7 ta' Diċembru 2019 mir-residenza ta' Melvin Theuma, 127, Triq ta' Gidwet, Marsascala, liema dokumenti nstabu ġol-*cooker hood* tal-kċina[39]. Dawn it-tlett dokumenti, fl-oriġinal tagħhom, kienu ġew iffotografati minn PC179, flimkien mal-lok minn fejn ġew elevati liema ritratti huma eżebiti bħala Dokumenti CG1, CG2 u CG3. Ix-xhud Supretendent Arnaud jikkontendi illi kien hu li għamel fotokopja ta' dawn id-dokumenti u ppreżenta fl-atti kumpilatorji din il-kopja kif awtentikata bħala vera kopja tal-oriġinal. L-ewwel dokument jikkonsisti f'dokument magħmul bil-kitba datat 21 ta' Mejju 2018 iffirmat mill-Avukat William Cuschieri. It-tieni dokument huwa ipprintjat minn dokument estratt mill-kompjuter datat 02 ta' Jannar 2018 ukoll iffirmat minn Dr. William Cuschieri, bl-aħħar dokument datat il-05 ta' Marzu 2018 ukoll iffirmat mill-imsemmi avukat. Illi skont il-verżjoni tal-fatti mogħtija mix-xhud Melvin Theuma, kemm lill-investigatur, kif ukoll fid-deposizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti Istruttorja,[40] dawn id-dokumenti jirrappreżentaw riċevuti ta' ħlasijiet li saru lill-avukat Dr. William Cuschieri minn ċertu Mario Degiorgio. Ix-xhud

[38] Ara kumpilazzjoni Volum 20 a fol 8377 et seq
[39] Ara xiehda ta' PC179 fl-atti tal-kumpilazzjoni Volum 20 a fol. 8386 et seq
[40] Ara deposizzjoni ta' Melvin Theuma fir-rigward Volum 20 a fols. 8390 et seq.

Theuma jikkontendi illi dawn ir-riċevuti kien għaddiehomlu Mario Degiorgio stess bħala evidenza illi l-flejjes li Theuma kien qed igħaddielu kienu qed imorru sabiex jitħallas l-avukat ta' ħutu Alfred u George Degiorgio, li f'dak iż-żmien kienu għaddejjin proċeduri kriminali mixlija bil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Ix-xhud jikkontendi illi dawn il-flejjes li huwa kien igħaddi lil Mario Degiorgio għal dan il-għan, u ċioe' sabiex isir il-ħlas lill-avukat għas-servizzi minnu reżi lill-aħwa Degiorgio, kienu jiġu mgħoddija lilu mill-akkużat. Jikkonferma illi dawn id-dokumenti kien ħbiehom fil-*cooker hood* tal-kċina. Muri id-Dokumenti KAXX1, KAXX2, u KAXX3 , flimkien mar-ritratti Dokumenti CG1, CG2 u CG3, jikkonferma l-kontenut ta'l-istess. Mix-xiehda tas-Supretendent Keith Arnaud, imbagħad, jirriżulta illi l-oriġinal ta' dawn id-dokumenti huwa ippreżentat fl-atti tal-kawza *Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Degiorgio et.*

Issa huwa minnu illi la l-avukat William Cuschieri u lanqas l-aħwa Degiorgio ma huma indikati mill-Avukat Ġenerali fil-Lista tax-Xhieda. L-Avukat Ġenerali iżda jikkontendi illi dan ma għamlux għaliex fiż-żmien li ġiet ippreżentata l-Att ta'l-Akkuża, il-każ ta' l-aħwa Degiorgio kien għadu *sub iudice* u kwindi la dawn in-nies u lanqas l-avukat tagħhom ma setgħu jinġiebu biex jiddeponu f'dan il-każ.

Dan magħdud il-Qorti terġa ttenni illi ma hemm xejn inammissibbli fid-dokumenti eżebiti, dokumenti awtentikati bħala vera kopja tal-oriġinal, fejn l-oriġinal huwa rintraċċabbli u tista' ssir il-verifika opportuna, oltre għal fatt illi jirriżulta minn fejn kien elevat l-oriġinal ta' dawn id-dokumenti, mill-pussess ta' min, u minn min kienu elevati, bix-xhieda Melvin Theuma, is-Supretendent Keith Arnuad u l-PC179 huma lkoll huma xhieda ndikati mill-Prosekuzzjoni fil-Lista tax-Xhieda u kwindi jistgħu jiddeponu dwar il-kontenut ta'l-istess. Issa jekk din il-prova hijiex waħda attendibbli, huwa eżerċizzju fdat f'idejn il-ġurija u mhux f'idejn din il-Qorti, f'dan l-istadju tal-proċeduri. Għal dawn il-motivi din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

**L-eċċezzjoni numru 35**

Finalment fl-aħħar eċċezzjoni minnu ventilata l-akkużat jikkontendi illi id-Dokumenti A2 sa A8 u id-Dokumenti Bl sa B15, ippreżentati mill-espert Alvin Cardona huma inammissibbli u dan għaliex, minkejja li kienet disponibbli għal prosekuzzjoni, l-prova oriġinali baqgħet ma ġietx ippreżentata bir-ritratti eżebiti huma biss kopja ta' kopja. Jisħaq għalhekk illi il-veracita' tal-kontenut taghhom ma jista' qatt jkun verifikat u d-difiża prekluża għalhekk milli teżerċita kontroll fuq l-istess.

Illi minn eżami tal-atti jemerġi illi b'digriet tal-Qorti Istruttorja datat is-27 ta' Jannar 2020 kien maħtur l-espert Alvin Cardona sabiex jagħmel kopja tad-Dokumenti A1 sa A8 u B1 sa B15 eżebiti fl-atti ta'l-inkjesta maġisterjali redatta mill-Maġistrat Gabriella Vella dwar allegat ħasil ta' flus minn Melvin Theuma[41]. Illi l-imsemmi espert espleta l-inkarigu lilu mogħti u eżebixxa r-rapport tiegħu fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020[42]. Fost affarijiet oħra l-espert eżebixxa dawn it-23 ritratt li ġew immarkati bħala Dokumenti A1 sa A8 u B1 sa B15.

Illi jingħad qabel xejn illi l-inkjesta imsemmija ġiet ippreżenata mill-Avukat Ġenerali flimkien mal-Att t'Akkuża u għalhekk tifforma parti mill-atti. Kopja ta'l-inkartament kollu tal-inkjesta kien mgħoddi lill-akkużat sabiex b'hekk jista' jivverifika faċilment il-kontenut tad-dokumenti indikati f'din l-eċċezzjoni. Jerġa' jiġi ribadit għal darb'oħra illi l-prova dwar l-attendibbilita' ta' dawn id-dokument u x'valur probatorju jista' jkollhom tista' temerġi biss mill-provi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, kif ingħad fil-konsiderazzjoni magħmula in konnessoni mal-eċċezzjonijiet preċedenti. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi ukoll miċħuda.

**L-eċċezzjoni numru 36**

Din l-eċċezzjoni, jekk tista' tissejjaħ tali, taqra hekk:

[41] Ara digriet Volum 1 tal-atti kumpilaotrji pagna 357
[42] Volum 1 tal-kumpilazzjoni fol.365 et seq.

**'Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistaw jinghataw meta l-eccipjent jercievi l-kopji kollha tal-atti tal-Istruttorja u d-dokumenti maghhom annessi, liema dokumenti ghadhom sal-gurnata tal-presentata ta' dawn 1-eccezzjonijiet ma nghatawx lilu; u dana fit-termini tal-proviso tal-artikolu 449(1) tal-Kodici Kriminali, salv 1-awtorizazzjoni tal-Qorti**.'

Illi fil-verita' dina l-eċċezzjoni ma hijiex valida fil-liġi penali għaliex kif tajjeb jindika l-akkużat stess, fit-termini tal-proviso għall-artikolu 449(1) tal-Kodiċi Kriminali, wara li jagħlaq iż-żmien perentorju għal preżentata tal-eċċezzjonijiet indikat fl-artikolu 438(2), huwa biss bil-permess speċjali tal-Qorti illi l-akkużat jista' jressaq eċċezzjonijiet ġodda, u dan biss meta tirriżulta xi raġuni li tkun inqalgħet wara l-egħluq ta' dak iż-żmien. Kwindi din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda b'riserva lill-akkużat li jagħmel talba kif maħsub fl-artikolu 449(1) tal-Kodiċi Kriminali jekk jipprova għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li tkun qamet xi eċċezzjoni ġdida li ma setatx għal xi raġuni tingħata qabel minnu.

<u>**L-eċċezzjonijiet ta'l-Avukat Ġenerali dwar l-ammissibilita' ta' xi xhieda u ta' dokumenti indikati mid-difiża fil-Lista tax-Xhieda u l-Lista tad-Dokumenti annessi man-Nota ta'l-Eċċezzjonijiet.**</u>

Trattati l-eċċezzjonijiet kollha tal-akkużat, jifdal biex jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet imqanqla mill-Avukat Ġenerali dwar ix-xhieda mitluba mill-akkużat fil-Lista tax-Xhieda annessa man-noti ta'l-eccezzjonijiet u d-dokumenti minnu indikati fil-Lista tad-Dokumenti. Illi permezz ta' nota datata l-20 ta' Settembru 2021 l-Avukat Ġenerali ta avviż tal-eċċezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' elenku ta' xhieda u ta' dokumenti indikati mid-difiża fil-Lista tax-Xhieda u l-Lista tad-Dokumenti tagħhom u dan fit-termini ta'l-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi qabel kull konsiderazzjoni fil-mertu ta' dan l-avviż mogħti mill-Avukat Ġenerali dwar l-inammissibilita ta' xhieda indikati mill-akkużat u dokumenti minnu eżebieti flimkien man-nota ta'l-eċċezzjonijiet, jingħad illi kif ġie diversi drabi deċiż fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali għandha tiddeċiedi

fit-termini ta' l-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bħala kontrapposta għar-rilevanza ta' l-istess, b'dan li, indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tiġi regolata jew addirittura eskluża bħala rrilevanti fl-istadju tas-smigħ tal-provi, l-istess m'għandhiex tiġi preventivament u aprioristikament eskluża jekk tista' tirriżulta rilevanti ghal '*facts in issue*'.[43]'

Illi allura dak li hi imsejjħa l-Qorti biex tagħmel f'dan l-istadju huwa sabiex tqies jekk l-oġġezzjoni ta'l-Avukat Ġenerali hijiex arginata sew fin-nuqqas ta' ammissibbilta' ta' dik il-prova li l-akkużat qed ifittex illi jagħmel u dan għaliex il-liġi stess tipprekludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem. Fin-nuqqas jekk din hija kwistjoni ta' rilevanza allura dan il-fatt għandu jiġi rimess għal ġudizzju tal-ġurija fil-kors tat-trattazzjoni tal-każ matul il-ġuri:

> **"altro e' ricercare se un mezzo di prova offerto dall'accusa o dalla difesa abbia le condizioni richieste dall legge per essere ricevuto in gudizio, ed altro ricercare se un mezzo di prova permesso dalla legge abbia le condizioni di ragione per essere considerato concludente rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia.[44]"**

Billi dan l-elenku huwa piuttost twil il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar kull xhud jew dokument hekk kif indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu:

1. Alfred Degiorgio, u dan kemm il-darba il-proċeduri fil-konfront ta' dan ix-xhud ma jkunux definittavment konkjużi. Illi jirriżulta illi fil-fatt illum il-proċeduri penali tax-xhud Alfred Degiorgio għadhom *sub iudice* u huma pendenti quddiem il-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sede superjuri tagħha, u allura diment illi dawn il-proċeduri ma jkunux ġew definittavment konklużi dan ix-xhud għadu jitqies bħala ko-akkużat u kwindi mhuwiex '*a compellable and/or competent witness*'.
2. David Baldwin. Illi fir-rigward ta' dan ix-xhud l-Avukat Ġenerali fis-sottomissjonijiet tiegħu jikkontendi illi jqies illi x-xiehda tiegħu hija irrilevanti aktar milli inammissibbli. Illi l-Qorti f'dan l-istadju ma tinoltrax

43 App.Sup. Ir-Repubblika ta' Malta vs Christopher Philip Agius deciza 02/05/2013

ruħha fir-rigward ta' rilevanza o meno ta' xi evidenza u kwindi l-eċċezzjoni ta'l-Avukat Ġenerali fil-konfront ta' dan ix-xhud qed tiġi miċħuda.

3. Illi l-Avukat Ġenerali isib oġġezzjoni ukoll għal dawk ix-xhieda indikati mill-akkużat bħala esperti li ser jkunu maħtura minn din il-Qorti sabiex jsiru xi traskrizzjonijiet ta' *recordings* indikati mill-akkużat, ta' esperti sabiex jirrelataw dwar teħid ta' sustanza kokajina fuq il-moħħ, u ta' esperti sabiex jagħmlu estrazzjoni li tkun aċċessibbli għall-partijiet tal-artikoli kollha miktuba fuq il-*blog The Running Commentary*. Illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun f'din l-oġġezzjoni tiegħu. L-akkużat ma jistax jipproġġetta il-Lista tax-Xhieda tiegħu fil-futur u dan għaliex qabel ma dawn ix-xhieda jistgħu jiġu inklużi fil-Lista tax-Xhieda tiegħu l-Qorti trid tawtorizża li tinġieb 'il quddiem din il-prova li l-akkużat qed ifittex illi jagħmel, haġa li sa issa għada ma seħħitx u kwindi din l-eċċezzjoni ta'l-Avukat Ġenerali qed tiġi milqugħa.
4. George Deġiorġio – għal dan ix-xhud japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet magħmula fin-numru 1 *supra*.
5. Id-Deputat Avukat Ġenerali Dr. Philip Galea Farrugia. Jinghad qabel kull konsiderazzjoni oħra illi l-artikolu 91(3) tal-Kostituzzjoni jirrendi insindikabbli s-setgħat mogħtija lil Avukat Ġenerali fid-deċiżjonijiet meħuda minnu meta huwa jistitwixxi proċeduri penali kontra xi individwu meta hemm hekk dispost:

> **"Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu biex jistitwixxi, jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali u ta' kull setgħat oħra mogħtija lilu b'xi liġi f'termini li jawtorizzawh li jeżerċita dik is-setgħa fil-ġudizzju individwali tiegħu l-Avukat Ġenerali ma jkunx suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra."**

**I**lli fis-sottomissjonijiet tagħha id-difiza iddikjarat illi x-xiehda tad-Deputat Avukat Ġenerali hija mitluba in konnessjoni mad-diskuzzjonijiet li saru marbuta mat-talba magħmula mill-akkużat għal Proklama. Illi fid-deċiżjoni tagħha il-Qorti qieset illi ma tistax ssir il-prova dwar dak kollu marbut mad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-akkużat in konnessjoni mat-

[44] Rex vs Savona – 05/03/1904

talba tiegħu għal maħfra presidenzjali. L-istess jista' jingħad fir-rigward tax-xhieda l-President tar-Repubblika u l-ex Avukat Ġenerali Dr. Peter Grech. Dan ifisser għalhekk illi tonqos il-ħtieġa għall-akkużat milli jressaq dawn ix-xhieda u kwindi l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġerenali fir-rigward qed tiġi milqugħa.

6. Il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta ta' Malta. Illi id-difiża talbet biex jitressaq dan ix-xhud in konnessjoni ma' interċettazzjonijiet telefoniċi li rriżulta li saru mis-Servizzi tas-Sigurta' u li jistgħu jkunu rilevanti għal każ. Illi jinghad biss illi l-Att li jwaqqaf is-Servizz ta' Sigurta' (Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta) jistabbilixxi fl-artikolu 3(2) u (3) tiegħu l-funzjonijiet tas-Servizz u ċioe li dan *"jipproteġi s-sigurtà nazzjonali u, b'mod partikolari, kontra theddid mill-kriminalità organizzata, spjunaġġ, terroriżmu u sabutaġġ, l-attivitajiet ta' aġenti ta' potenzi barranin u kontra l-azzjonijiet maħsuba biex iwaqqgħu jew jissovvertu d-demokrazija parlamentari b'mezzi politiċi, industrijali jew vjolenti, kif ukoll* ***li*** *jagixxi fl-interess tal-benesseri ekonomiku ta' Malta u tas-sigurta pubblika,* ***in partikolari l-prevenzjoni jew kxif ta' delitti gravi****."* Illi l-istess Att, fl-artikoli sussegwenti, jipprovdi dwar il-ħruġ tal-mandati relattivi anke għall-interċettazzjonijiet telefoniċi fejn fost ohrajn hemm stabbilit illi l-mandati għall-interċettazzjonijiet ta' komunikazzjonijiet għandhom jinħargu biss bil-miktub mill-Ministru Responsabbli mis-Servizz jew f'każ ta' urġenza saħansitra jista' jinħareg bil-miktub mis-Segretarju Permanenti jew mis-Segretarju tal-Kabinett hekk awtorizżat mill-Ministru. Illi l-Att jipprovdi illi kollox għandu jsir b'segretezza assoluta dwar l-operat u saħansitra l-kontrolli fuq l-operat tas-Servizz huma mill-inqas, kważi ineżistenti, u jeskludu anke skrutinju saħansitra mill-Qorti anke meta tali interċettazzjonijiet jintużaw fi proċeduri penali (artiklu 18 ta'l-Att). Illi l-ġurisprudenza in materja madanakollu ma teskludiex il-jedd tal-qrati illi tikkontrolla l-veraċita' tal-fatti allegati[45]. Dan ifisser illi ma hemm xejn x'josta milli l-akkużat iressaq lil dan ix-xhud biex jixhed dwar l-operazzjonijiet minnhom kondotti

[45] App.Civ. 24/02/2012 – Avukat Generali vs Kap tas-Servizz tas-Sigurta et u ukoll PA GCD 01/03/2011 Avukat Generali vs Kap tas-Servizzi tas-Sigurta et; ara ukoll PA JRM 09/12/2011 Avukat Generali vs Il-Kap tas-servizz tas-Sigurta et.

diment li dawn jkunu saru skont il-liġi u ċioe' billi jiġi ippruvat illi l-operat tagħhom kien kopert bil-mandati meħtieġa fid-disposizzjonijiet tal-liġi surriferiti. Din l-eċċezzjoni għalhekk qed tkun miċħuda.

7. Ir-Reġistratur ta-Qorti Kriminali biex jixhed dwar inkjesti maġisterjali li għadhom miftuħa u mhux relatati mal-omiċidju mertu tal-każ. Illi skont il-liġi l-kontenut ta' ebda inkjesta maġisterjali li għadha miftuħa ma tista' tkun żvelata u kwindi dan ix-xhud ma jista' jipprovdi ebda informazzjoni fir-rigward ta' dak mitlub mill-akkużat. Kwindi din l-eċċezzjoni qed tkun milqugħa. L-istess jista' jingħad għal dawk l-esperti kollha jew xhieda li xehdu f'dawn l-inkjesti li għadhom miftuħa, wkoll għaliex l-akkużat lanqas jindika min huma dawn ix-xhieda. L-istess jingħad fir-rigward tal-Kummissarju tal-Pulizija ndikat sabiex jixhed fuq estrazzjonijiet telefoniċi magħmula miċ-ċellulari ta' Keith Schembri u dan biss sal-mument illi din l-inkjesta fir-rigward tkun għadha miftuħa.
8. Fir-rigward tax-xhieda Julian Hofstra u Klaudia Sokolowska anke hawn l-Avukat Ġenerali fis-sottomissjonijiet tiegħu jikkontendi illi indika lil dawn ix-xhieda billi jqies illi x-xiehda tagħhom hija irrilevanti aktar milli inammissibbli. Illi l-Qorti f'dan l-istadju ma tinoltrax ruħha fir-rigward ta' rilevanza o meno ta' xi evidenza u kwindi l-eċċezzjoni ta'l-Avukat Ġenerali fil-konfront ta' dawn ix-xhieda qed tiġi miċħuda.
9. Ix-xiehda ta' Dr. Arthur Azzopardi u Dr. David Gatt. Ovvjament dawn ix-xhieda ma jistgħux jiddeponu fir-rigward ta' informazzjoni privileġġjata bejn avukat u il-klijent tiegħu diment li l-Qorti ma tqiesx illi dan huwa meħtieġ għat-tikxif tal-verita'. Għal dawn il-motivi għalhekk dawn ix-xhieda jitqiesu ammissibbli limitatament sabiex jixhdu dwar fatti magħrufa lilhom.
10. Il-Kummissarju tat-Taxxi. Illi d-difiża tikkontendi li dan ix-xhud huwa meħtieġ in konnessjoni ma' evidenza li temerġi mill-atti tal-inkjesta maġisterjali redatta mill-Maġistrat Gabriella Vella rigward allegat ħasil ta' flus minn Melvin Theuma. Dan ifisser illi jrid allura ikun stabbilit ir-rilevanza ta' din il-prova li jrid jagħmel l-akkużat u jekk l-istess hijiex

informazzjoni privileġġjata li l-Kummissarju tat-Taxxi huwa prekluż milli jixhed dwarha. Kwindi din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda.

11. Rappreżentant tal-kumpanija CYFOR u x-xhud Victoria Saunders. L-Avukat Ġenerali qiegħed joġġezzjona għal produzzjoni ta' dawn ix-xhieda billi iqieshom bħala esperti *ex parte* li mhumiex għalhekk ammissibbli. Il-Qorti ma tistax *a priori* tiddikjara xi xhieda li l-akkużat bi ħsiebu jressaq bħala inammissibbli f'dan l-istadju, madanakollu dawn ix-xhieda jistgħu jixhdu biss fuq fatti u xejn izjed. Illi l-Qorti tal-Appell fil-kawża il-Pulizija vs Renard Cassar, deciza fl-24 ta' Settembru, 2009 irritjeniet illi:

> **"Hija prattika sancita mill-ligi, li xhieda ordinarja u cioe mhux persuni mahtura bhala espert mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak illi huma kkonstataw bis-sensi taghhom. Meta jkun mehtieg xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja (artikolu 650(1) talKap 9). Il-periti skond il-kodici kriminali, ma jistghux ikunu esperti ex parte imma jridu jkunu gew maghzulin mill-Qorti (artikolu 650(1) tal-Kap 9) jew mill-Magistrat Inkwerenti li jkun qed jikkonduci l-ingenere (art. 548 u 549 tal-Kap9)"**

Illi allura jekk l-akkużat ser itella' lil dawn ix-xhieda unikament biex jagħtu xi fehma jew opinjoni, l-Qorti minn issa tiddikjara illi hija ser tidderiġi lil ġurati sabiex jiskartaw din ix-xiehda hekk mogħtija.

12. Illi fir-rigward tax-xhieda Saviour Balzan u l-Avukat William Cuschieri, dawn huma xhieda li jistgħu jixhdu limitatament fuq fatti magħrufa lilhom u ma jistgħux ikunu obbligati jixhdu dwar informazzjoni privileġġjata jew dwar is-sorsi minn fejn inġiebet din l-informazzjoni. Fir-rigward tax-xiehda ta' Dr. William Cuschieri jiġi rilevat illi kienet il-Prosekuzzjoni stess li eżebiet dokumenti li jipprospettaw lil Avukat Cuschieri bħala l-awtur tagħhom u kwindi d-difiża għandha kull dritt tikkontrolla l-veraċita' ta'l-istess.

13. Jari Liukku. Dan ix-xhud huwa impjegat mal-Aġenzija *Europol* u jiffigura fl-inkjesta maġisterjali bħala persuna li irċieva xi dokumenti. Kwindi huwa xhud ammissibbli u l-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali qed tiġi miċħuda.

14. Xhieda ulterjuri li ma jkunux gew indikati mill-akkużat entro t-terminu stipulat fl-artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun joġġezzjona għal dawn ix-xhieda mhux magħrufa sa dan l-istadju, ukoll għaliex jekk l-akkużat irid iressaq xhieda ġodda mhux indikati fil-lista tiegħu jista' jagħmel dan biss billi jikseb il-permess speċjali tal-Qorti.
15. Dokument YFE1. Dan huwa Dokument marbut ma' talba li kienet saret mill-ko-akkużati Alfred u George Degiorgio tramite l-Avukat tagħhom Dr. William Cuschieri għal maħfra presidenzjali. Illi għalkemm tali dokument jista' jkun irrilevanti għal fini tal-proċeduri odjerni, madanakollu billi huwa dokument fid-dominju pubbliku l-Qorti, f'dan l-istadju, mhux ser tiddikjarah bħala inamissibbli stante ukoll illi ix-xhieda Alfred u George Degiorgio jistgħu jsiru xhieda kompetenti fil-każ illi l-kawża taghhom tgħaddi in ġudikat.
16. Dokument YFE2 konsistenti f'*pen drive* li hija *password protected*. L-Avukat Ġenerali jqies li din l-evidenza mhijiex ammissibbli stante illi mhijiex aċċessibbli la għalih u lanqas għal Qorti. Illi d-difiża iddikjarat li hija għaddiet dan il-*password* lil Qorti u kwindi id-dokumenti kontenuti fil-*pen drive* huma aċċessibbli u jistgħu jkunu rilevanti għal każ. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni għalhekk din l-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali qed tkun miċħuda.
17. Dokument YFE5 konsistenti f' *Good Practice Guide tal-Association of Police Officers* tal-Ingilterra, Wales u l-Irlanda ta' Fuq, kif ukoll id-Dokument YFE 6 li huwa ukoll *Code of Practice and Conduct for Forensic Science Providers and Practitioners in the Criminal Justice System.* Illi għalkemm dawn id-dokumenti jistgħu jkunu irrilevanti għal każ, madanakollu l-Qorti f'dan l-istadju ma tistax tqiesu bħala inammissibbli. Tiġbed l-attenzjoni tal-akkużat madanakollu illi lil ġurija ma tista' tiġi murija ebda letteratura li tista' b'xi mod tinfluwenzalhom id-deċizjoni tagħhom billi tali decizjoni trid tkun imsejsa fuq il-fatti u xejn iżjed.

18. Dokument YFE9 konsistenti f'xhieda mogħtija mis-Supretendent Keith Arnaud fil-kawza pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali), Rikors numru 233/2019. Illi kif tajjeb jissottometti l-Avukat Ġenerali, dan id-dokument jista' jintuża biss ai fini ta' kontroll fuq ix-xiehda mogħtija mis-Supretendent Keith Arnaud u għalhekk ma jistax jiġi muri lil ġurati ħlief għal din ir-raġuni.
19. Fir-rigward tad-Dokumenti MDF1, MDF2, MF1 u JC1, l-Avukat Ġenerali irtira l-oġġezzjoni tiegħu fir-rigward billi dawn id-dokumenti huma eżebiti fil-kumpilazzjoni.
20. Id-dokumenti indikati fin-nota ta'l-Avukat Ġenerali bin-numri 33, 34, 35, 36, 37, 38, 41, 42, 43, 44, 45, 46, 47, 48, 49, 50, 51, 53, kif ukoll tad-dokumenti elenkati bin-numri 44 sa 65 u 67 sa 76 mill-akkużat fil-Lista tad-Dokumenti. Illi fir-rigward id-difiża iddikjarat illi dawn huma dokumenti ipotetiċi li jistgħu jinġiebu minn xi xhieda minnhom mitluba biex jixhdu fil-kors tal-ġuri. Illi l-Qorti tqies illi dawn id-dokumenti illum mhumiex fil-pussess tal-akkużat u lanqas jaf bihom. Kwindi mhuwiex f'posizzjoni li jippreżentahom u ma jistgħux għalhekk jiġu la ndikati fil-Lista tad-Dokumenti tiegħu u wisq anqas annessi ma'l-istess kif hemm stipulat fl-artikolu 438(2)(ii) tal-Kodiċi Kriminali. Illi allura l-Avukat Ġenerali għandu raġun fl-eċċezzjoni minnu ventilata. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi milqugħa b'dan illi jekk xhud imressaq mid-difiża jippreżenta xi dokument li ma kienx magħruf għall-akkużat qabel id-deposizzjoni tal-imsemmi xhud, l-Qorti tirriserva li tipprovdi dwar l-ammissjoni tiegħu fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.
21. L-atti tat-tlett inkjesti elenkati mill-akkużat fil-paragrafu 23 tal-Lista tad-Dokumenti u dan stante illi dawn l-inkjesti għadhom miftuħin. Illi kif ingħad f'dan l-istadju meta l-inkjesti maġisterjali għadhom pendenti ma tistax ssir il-prova permezz ta'l-istess mill-akkużat. Madanakollu jekk dawn ikunu ġew magħluqa mill-Maġistrat Inkwirenti l-akkużat għandu jagħmel talba appożita sabiex jitlob il-permess tal-Qorti biex dawn jiġu annessi mal-Lista tad-Dokumenti tiegħu.

22. It-traskrizzjonijiet tax-xiehda ta' Dr. Arthur Azzopardi u Kenneth Camilleri mogħtija fl-inkjesta pubblika. L-Avukat Ġenerali jikkontendi illi din l-evidenza tista' tintuża biss ai fini ta' kontroll ta' dak li jistgħu jiddikjaraw dawn ix-xhieda fil-kors tal-ġuri. Illi l-Qorti tagħmel referenza għal konsiderazzjonijiet diġa' magħmula *supra* fin-numru 20.
23. Il-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Matthew Caruana Galizia* stante illi dan il-proċess huwa totalment estranju għal proċeduri odjerni u għal mertu ta'l-istess. Illi l-Avukat Ġenerali jikkontendi illi dan id-dokument ma hux rilevanti għal *facts in issue*. Id-difiża tikkontendi illi din il-prova hija mitluba billi Matthew Caruana Galizia huwa xhud tal-Prosekuzzjoni u allura jista' jkun rilevanti sabiex ikun ippruvat il-karattru tiegħu u ukoll sabiex ikun kontradett dak li iddepona jew ser jiddeponi. Illi jidher illi għall-akkużat dan id-dokument kien lilu magħruf matul l-Istruttorja u kwindi kellha issir talba minnu sabiex ir-Reġistratur tal-Qorti jeżebixxi dan il-proċess. Billi allura dan id-dokument ma huwiex anness mal-Lista tad-Dokumenti kif hemm dipost fl-artikolu 438(2)(ii) tal-Kodiċi Kriminali, din l-eċċezzjoni qed tiġi milqugħa.
24. Id-dokumenti li jistgħu jiġu ippreżentati mix-xhieda George u Alfred Degiorgio. Illi fir-rigward il-Qorti tirreferi għal konsiderazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq fir-rigward ta' indikazzjoni ta' dokumenti li f'dan l-istadju ma humiex annessi mal-Lista tad-Dokumenti, kif ukoll fir-rigward tal-ammissibilita ta' evidenza marbuta mal-ko-akkuzat. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi milqugħa b'dan illi jekk dawn ix-xhieda reżi kompetenti wara l-każ tagħhom igħaddi in ġudikat jiġu mressaq mid-difiża u jippreżentaw xi dokument li ma kienx magħruf għall-akkużat qabel dik ix-xiehda, l-Qorti tirriserva li tipprovdi dwar l-ammissjoni tiegħu fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.
25. Illi finalment għalkemm dan id-dokument mhux indikat fin-nota ta'l-Avukat Ġenerali, madanakollu huwa qiegħed isib oġġezzjoni li jkun eżebit fil-proċess tal-ġuri d-Dokument YFE billi iqies illi dan id-dokument huwa għal kollox irrilevanti stante illi jitratta kwistjonijiet

ta' natura privata fil-ħajja tal-vittma u r-raġel tagħha. Illi d-difiża tikkontendi illi tali prova hija rilevanti billi tista' anke tinċidi fuq il-mertu tal-każ. Issa għalkemm il-Qorti f'dan l-istadju ma hijiex qed tara ir-rilevanza ta' din il-prova li qed ifittex li jagħmel l-akkużat, madanakollu jerġa' jingħad illi f'dan l-istadju il-Qorti mhijiex imsejħa biex tiddeċiedi dwar ir-rilevanza tal-evidenza, iżda biss dwar l-ammissibbilita' ta'l-istess, b'dan madanakollu illi l-Qorti qed tiddikjara li mhijiex ser tippermetti li tinġieb evidenza fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri intiża biss biex tħammeġ xi parti jew oħra u li r-rilevanza tagħha hija għal kollox nieqsa. Il-provi għandhom ikunu ċirkoskritti unikament għal fattsipeċje tal-każ u xejn iżjed, b'allegazzjonijiet u provi marbuta mal-ħajja privata ta' xi parti u li ma jinċidux fuq il-mertu għandhom jitħallew barra minn dan il-proċess penali. Illi fi stadju opportun il-Qorti ser tindirizza lil gurati u twissiehom fuq il-valur probatorju tal-evidenza u l-piż li għandha tingħata lill-istess fid-deliberazzjoni finali qabel ma jasslu għal verdett tagħhom.

Illi l-Qorti b'hekk iddisponiet mill-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-akkużat u mill-Avukat Ġenerali sal-lum.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-akkużat bin-numri 1 sa 12, 14 sa 19, 21 sa 28, 30 sa 36, u dan prevja id-direzzjonijiet mogħtija mill-Qorti f'din is-sentenza u li għandhom ikunu osservati waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.**
2. **Tiċħad l-eċċezzjoni numru 29, b'riserva għal dak ordnat mill-Qorti sabiex l-atti jkunu rinvijati lil Qorti Istruttorja għas-smigħ tax-xhieda indikati f'din l-eċċezzjoni kif deċiż fl-istess.**
3. **Tilqa' l-eċċezzjoni bin-numru 13 u għalhekk tordna l-isfilz tad-Dokumenti KA28, KA31, KA33 u KA34 mill-atti kumpilatorji, b'dan illi dawn id-dokumenti ma għandhomx jinġiebu a konjizzjoni tal-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u ebda xhud ma għandu jagħmel referenza għall-istess dikjarazzjonijiet.**

4. Tilqa' l-eċċezzjoni numru 20, b'dan illi x-xhud Ioulia Thoma għandha tixhed biss fuq il-fatti lilha magħrufa u ma tista' tesprimi ebda fehma jew opinjoni.
5. Tilqa' l-eċċezzjonijiet ta'l-Avukat Ġenerali fejn huwa oġġezzjona għal produzzjoni tas-segwenti xhieda indikati bin-numri 14, 15, 16, 20, 27, 28, 29, 48, u 106 fil-Lista tax-Xhieda tal-akkużat.
6. Tilqa l-eċċezzjonijiet ta'l-Avukat Ġenerali fejn huwa oġġezzjona għal produzzjoni ta' dokumenti li ma humiex annessi mal-Lista tad-Dokumenti ta'l-akkużat, b'riserva madanakollu illli jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li żżomm dokument taħt għajnejha u li l-ħtieġa tiegħu tinqala' matul il-kors taċ-celebrazzjoni tal-ġuri, tawtoriżża l-produzzjoni ta'l-istess.
7. Tiċħad il-kumplament ta'l-eċċezzjonijiet imqajma mill-Avukat Ġenerali.

B'dan madanakollu illi fi stadju opportun il-Qorti ser tindirizza lil ġurati u twissiehom fuq il-valur probatorju tal-evidenza u l-piż li għandha tingħata lill-istess fid-deliberazzjoni finali qabel ma jasslu għal verdett tagħhom. Illi l-Qorti għalhekk tidderiġi lill-partijiet jikkonformaw rwieħhom ma' din is-sentenza fil-produzzjoni tal-evidenza, b'dan illi fl-ebda mument matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma għandha issir referenza għal anteċedenti penali tal-akkużat ħlief jekk jikkonkorru ċ-ċirkostanzi ravviżati fl-artikoli 459A u 489 tal-Kodiċi Kriminali.

Tiddifferixxi l-kawża *"sine die"*, sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jistgħu iressqu l-partijiet skont il-liġi.

Edwina Grima

Imħallef